X’tista’ ssib fuq il-EUR-Lex

Il-EUR-Lex jagħtik aċċess għal-leġiżlazzjoni tal-UE, għall-każistika u għal dokumenti legali oħra li ġejjin l-aktar mill-istituzzjonijiet tal-UE, iżda wkoll mill-Istati Membri tal-UE, l-istituzzjonijiet tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA), eċċ., inklużi:

- Trattati
- Atti legali mill-istituzzjonijiet tal-UE
- Dokumenti preparatorji relatati mal-leġiżlazzjoni tal-UE
- Każistika tal-UE
- Ftehimiet internazzjonali
- Dokumenti tal-EFTA
- Referenzi għal miżuri nazzjonali ta’ traspożizzjoni kif ukoll testi tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni għal dawk l-Istati Membri li qablu li jipprovduhom
- Referenzi għal każistika nazzjonali relatata mal-leġiżlazzjoni tal-UE.

Il-EUR-Lex jippubblika l-verżjoni awtentika ta’ Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE.
Barra minn hekk, jipprovdi:

- Il-passi prinċipali tal-proċeduri li jwasslu għall-adozzjoni tal-atti legali
- Testi konsolidati li jiġbru l-atti legali inizjali u l-emendi kollha tagħhom f’dokumenti individwali
- Aktar minn 2,000 taqsira tal-leġiżlazzjoni tal-UE li jispjegaw il-leġiżlazzjoni tal-UE b’mod ċar, li jinqara faċilment u b’mod konċiż.

Mill-bidu tat-tmien terminu parlamentari (il-25 ta’ Mejju 2014), il-mistoqsijiet parlamentari mhux se jiġu ppubblikati aktar f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew fil-EUR-Lex. Issa dawn huma ppubblikati fuq is-sit web tal-Parlament Ewropew .
Ħarsa ġenerali fid-dettall tat-tipi ta’ dokumenti disponibbli fuq il-EUR-Lex
Il-EUR-Lex jiġi aġġornat kuljum bil-pubblikazzjoni tal-Ġurnal Uffiċjali, dokumenti individwali ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali, dokumenti jew proċeduri oħra, każistika u informazzjoni legali u biblijografika (metadata).

Il-verżjoni elettronika awtentika tal-Ġurnal Uffiċjali hija ppubblikata f'PDF, flimkien mal-**firma elettronika** tagħha. Il-verżjoni HTML hija disponibbli wkoll għal skopijiet ta' informazzjoni, iżda mhijiex awtentika.

Kull dokument ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali jiġi pproċessat għall-pubblikazzjoni fil-EUR-Lex. Fil-jum tal-pubblikazzjoni, it-titlu u r-referenzi tal-pubblikazzjoni biss huma disponibbli mal-att individwali. L-**informazzjoni legali u biblijografika** sħiħa tiġi ppubblikata fi żmien jumejn ta' xogħol. Dan jispjega għaliex hemm żmien qasir bejn id-disponibbiltà tal-Ġurnal Uffiċjali nnifsu u l-kapaċità sussegwenti li jinstabu atti individwali.

Il-frekwenza tal-aġġornamenti ta' dokumenti oħrajn tvarja minħabba li jiġu minn sorsi istituzzjonali differenti. Pereżempju, il-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni jiġu aġġornati darba fil-ġimgħa.

Kopertura lingwistika:

L-interface tas-sit web hija disponibbli bl-24 lingwa uffiċjali kollha tal-UE.
Għad-dokumenti, il-lingwi disponibbli jiddependu fuq il-lingwi uffiċjali tal-UE li kienu jeżistu meta ġew adottati d-dokumenti.
Din hija r-raġuni għaliex il-kopertura lingwistika hija akbar għall-4 lingwi uffiċjali tal-membri fundaturi tal-UE: il-Franċiż, il-Ġermaniż, l-Olandiż u t-Taljan
L-eqdem dokumenti fuq il-EUR-Lex b'mod partikolari mhumiex disponibbli bil-lingwi li ġew miżjuda meta l-pajjiżi ssieħbu aktar tard: l-Ingliż u d-Daniż (1973); il-Grieg (1981); l-Ispanjol u l-Portugiż (1986); il-Finlandiż u l-Iżvediż (1995); iċ-Ċek, l-Estonjan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, is-Slovakk, is-Sloven u l-Ungeriż (2004); il-Bulgaru u r-Rumen (2007); u l-Kroat (2013).
Madankollu, meta pajjiż jissieħeb mal-UE, il-leġiżlazzjoni tal-UE fis-seħħ dak iż-żmien tiġi tradotta bil-lingwa uffiċjali ta' dan il-pajjiż u tiġi kkompilata fl-"Edizzjonijiet Speċjali tal-Ġurnal Uffiċjali tal-UE".

Dokumenti bl-Irlandiż

Skont it-tip ta' dokument u s-sena tal-pubblikazzjoni, mhux id-dokumenti kollha huma disponibbli bl-Irlandiż fil-EUR-Lex.
L-atti legali attwalment disponibbli bl-Irlandiż huma:

- **leġiżlazzjoni ewlenija** adottata b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill Ewropew
- xi trattati.

L-Irlandiż sar lingwa uffiċjali sħiħa tal-UE fl-1 ta' Jannar 2007. Madankollu, għal raġunijiet prattiċi u fuq bażi tranżizzjonali, l-istituzzjonijiet tal-UE ġew eżentati mill-obbligu li jfasslu l-atti kollha bl-Irlandiż jew jittraduċuhom. Din id-deroga temporanja ġiet introdotta għal perjodu ta' 5 snin li jista' jiġġedded.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005 tat-13 ta’ Ġunju 2005 iddikjara li “l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea m’għandhomx ikunu marbuta bl-obbligu li jfasslu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom f’dik il-lingwa f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea”, ħlief għar-regolamenti adottati b’mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.
Id-deroga ġiet estiża darbtejn, bil-kamp ta’ applikazzjoni jitnaqqas gradwalment kull darba:

- sal-31 ta’ Diċembru 2016 bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1257/2010
- sal-31 ta’ Diċembru 2021 bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2015/2264

Numerazzjoni tal-atti

In-numerazzjoni tal-atti tvarja skont it-tip ta’ att u s-sena tal-pubblikazzjoni.

Atti tas-serje L tal-Ġurnal Uffiċjali

Għajr għall-ftehimiet internazzjonali u r-rettifiki, l-atti u testi oħra kollha jirċievu numru. Dan in-numru huwa uniku u huwa jew parti mit-titlu jew imqiegħed fl-aħħar tat-titlu f’parentesi kwadri. Huwa jirrappreżenta wkoll in-numru tal-Ġurnal Uffiċjali li fih l-att jew test ieħor huwa ppubblikat. In-numru ta’ att huwa magħmul minn tliet partijiet.

- Abbrevjazzjoni tad-dominju fil-parenteżi

Abbrevjazzjoni	Deskrizzjoni
(UE)	L-Unjoni Ewropea
(Euratom)	Il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika
(Unjoni Ewropea, Euratom)	L-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika
(PESK)	Il-Politika Estera u ta’ Sigurtà Komuni

- Sena tal-pubblikazzjoni: 4 numri
- Numru sekwenzjali: Dan in-numru huwa bbażat fuq sekwenza annwali u jinkludi kemm hemm bżonn ċifri.

NB: Għal xi atti, in-numru assenjat mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet ma jinkludix dominju u jidher fil-parenteżi kwadri wara t-titlu. Dan in-numru ma jitqiesx bħala parti mit-titolu u mhuwiex ikkwotat fir-referenzi tal-att ikkonċernat.
Jekk jogħġbok ikkonsulta l-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali għal aktar informazzjoni dwar in-numerazzjoni tal-atti ppubblikati fis-serje L matul iż-żmien, in-numerazzjoni doppja, l-atti mhux innumerati u testi oħra, eċċ.

Dokumenti tas-serje C tal-Ġurnal Uffiċjali

Għajr ir-rettifiki, id-dokumenti ppubblikati fis-serje C jiġu assenjati numru tal-avviż li jikkonsisti minn:

- l-ittra “C” li tikkorrispondi għas-serje C;
- is-sena tal-pubblikazzjoni, li tinkludi erba’ ċifri;
- in-numru sekwenzjali, ibbażat fuq sekwenza annwali u jinkludi kemm hemm bżonn ċifri.

In-numru tal-avviż huwa identiku għan-numru tal-Ġurnal Uffiċjali li jidher fl-intestatura tal-Ġurnal Uffiċjali.
Jekk jogħġbok ikkonsulta l-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali għal aktar informazzjoni dwar in-numerazzjoni tad-dokumenti ppubblikati fis-serje C matul iż-żmien, in-numerazzjoni doppja, l-atti mhux innumerati u testi oħra, eċċ.

ECLI - Identifikatur Ewropew tal-Każistika

L-ECLI huwa identifikatur uniformi li jippermettilek tidentifika deċiżjonijiet ġudizzjarji aktar faċilment. Hu jagħmilha wkoll aktar faċli biex wieħed jaċċessa, ifittex, jidentifika, jikkwota u jillinkja l-każistika tal-UE u dik nazzjonali.
L-identifikatur jikkonsisti f'5 partijiet, fl-ordni li ġejja, b'kull wieħed separat b'żewġ punti:

1. L-abbrevjazzjoni "ECLI"
2. Il-kodiċi tal-pajjiż (2 karattri)
3. Il-kodiċi tal-pajjiż (1-7 karattri)
4. Is-sena tad-deċiżjoni (4 numri)
5. In-numru identifikatur uniku (mhux aktar minn 25 karattru, jistgħu jintużaw it-tikek)

Eżempji (Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea):

ECLI	Dokument
ECLI:EU:C:1998:27	Is-27 deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-1998
ECLI:EU:C:2010:80	It-80 deċiżjoni tat-Tribunal tas-Servizz Ċivili fl-2010
ECLI:EU:C:2012:426	L-426 deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2012.

Il-5 parti tal-ECLI tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija numru sekwenzjali, mibdi mill-ġdid kull sena u speċifiku għal kull qorti (il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku). Mhuwiex in-numru CELEX.

L-ECLI ġie introdott aktar wara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill 2011/C 127/01.
Il-magna tat-tiftix tal-ECLI fuq il-portal Ewropew tal-e-ġustizzja tħallik tfittex deċiżjonijiet /sentenzi legali b'ECLI.
Aktar informazzjoni dwar l-ECLI

ELI - Identifikatur Ewropew tal-Leġiżlazzjoni

L-Identifikatur Ewropew tal-Leġiżlazzjoni (ELI) hu sistema li tagħmel il-leġiżlazzjoni disponibbli online f'format standardizzat, biex din tkun aċċessibbli, skambjata u użata mill-ġdid bejn il-fruntieri.
L-ELIs jużaw HTTP URIs (Uniform Resource Identifiers), li jistgħu jinqraw kemm mill-bniedem kif ukoll mill-kompjuters. Huma jipproponu wkoll sett ta' elementi ta' metadata biex jiddeskrivu l-leġiżlazzjoni u jinkludu lingwa speċifika għall-iskambju tal-leġiżlazzjoni f'format li jinqara mill-magni.
Fil-livell tal-UE, l-ELIs huma assenjati għal firxa wiesgħa ta' leġiżlazzjoni ppubblikata fis-serje L (regolamenti, direttivi, deċiżjonijiet) ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għal atti konsolidati.
Mill-kont personali tiegħek jew minn "Ippersonalizza l-informazzjoni li qed tidher", tista' tissettja l-preferenzi tiegħek sabiex l-ELI jidher fir-riżultati. Dan dejjem jintwera fuq il-paġna tad-dokument.
L-ELIs ġew implimentati wkoll f'għadd ta' sistemi ta' pubblikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali (ara l-lista). Dawn huma implimentati fuq bażi volontarja.

Eżempji

L-aktar tip sempliċi ta' struttura tal-ELI huwa dan:

http://data.europa.eu/eli/{typeOfDocument}/{yearOfAdoption}/{numberOfDocument}/oj

L-ELI għad-Deċiżjoni 2009/496/KE hu http://data.europa.eu/eli/dec/2009/496/oj
L-ELI progressivament qed jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għal subdiviżjonijiet ta' atti (preamboli, kunsiderazzjonijiet, artikoli, eċċ.). L-ELI għall-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/1241 huwa: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2019/1241/art_2/oj
Għal aktar informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-ELI fil-livell nazzjonali u tal-UE, ara l-paġni tar-reġistru tal-ELI u sommarju tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni tal-ELI.

Numri CELEX

Numru CELEX huwa identifikatur uniku assenjat lil dokument. Huwa indipendenti mil-lingwa tad-dokument. Il-biċċa l-kbira tad-dokumenti fil-EUR-Lex huma assenjati numru CELEX. Numru CELEX għandu partijiet differenti, li jvarjaw ftit skont it-tip ta' dokument. L-aktar każ komuni huwa li jkun hemm dawn l-4 partijiet: Settur – Sena – Tip ta' dokument – Numru tad-dokument.
Pereżempju, in-numru CELEX tad-Direttiva Qafas tal-UE dwar l-Ilma hu 32000L0060. Hu jikkonsisti f'4 partijiet:

- settur: 3 (għall-atti legali)
- sena: 2000
- tip ta' dokument: L (għad-Direttivi)
- numru tad-dokument: 0060.

Jekk tmur bil-mouse fuq numru CELEX fil-EUR-Lex tista' tara t-titolu sħiħ tad-dokument.

Settur

Id-dokumenti fil-EUR-Lex jaqgħu taħt wieħed minn dawn it-12-il settur.

1. Trattati
2. Ftehimiet internazzjonali
3. Atti legali
4. Leġiżlazzjoni komplementari
5. Dokumenti preparatorji
6. Każistika tal-UE
7. Traspożizzjoni nazzjonali
8. Referenzi għal każistika nazzjonali li tikkonċerna l-liġi tal-UE
9. Mistoqsijiet parlamentari

0. Testi kkonsolidati

C. Dokumenti oħrajn ippubblikati fis-serje C tal-Ġurnal Uffiċjali

E. Dokumenti tal-EFTA

Sena

Is-sena normalment tiddeskrivi meta ġie adottat id-dokument.

Tip ta' dokument

Kull tip ta’ dokument għandu **deskrittur**. Id-deskritturi jistgħu jkollhom ittra jew tnejn:
Xi deskrizzjonijiet komuni:

Settur 3 - Atti legali

L għad-Direttivi

R għar-Regolamenti

D għad-Deċiżjonijiet

Settur 5 - Dokumenti preparatorji

PC għall-Proposti leġiżlattivi mill-Kummissjoni (dokumenti COM), eċċ.

DC għad-dokumenti COM oħrajn (green u white papers, komunikazzjonijiet, rapporti...)

SC għad-dokumenti SWD (dokumenti ta’ ħidma tal-persunal, valutazzjonijiet tal-impatt...)

JC għad-dokumenti JOIN (adottati b’mod konġunt mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli)

Settur 6 - Każistika tal-UE

CJ għas-Sentenza mill-Qorti tal-Ġustizzja

CC għall-Opinjonijiet tal-avukat ġenerali

CO għall-Ordnijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Lista sħiħa ta’ deskritturi

Numru tad-dokument

Ħafna min-numri CELEX jintemmu b’4 ċifri. Dawn jirriflettu tipi differenti ta’ informazzjoni, eż.:

- **Numru uffiċjali** - eż. 32017R**2394**: numru sekwenzjali attribwit lid-dokument fil-mument tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali. Dan jingħata mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.
- **Numru intern** - eż. 52018PC**0033**: assenjat mill-awtur tad-dokument, hawnhekk il-Kummissjoni (PC).

- **Data tal-pubblikazzjoni** - eż. 32012A**0424(01)**: ix-xahar u l-jum tal-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali. Din hija segwita minn numru sekwenzjali fil-parentesi, billi numri oħra simili tas-CELEX setgħu ġew ippubblikat fl-istess ġurnata.

Eżempji skont is-settur

Trattati (settur 1)

Hemm **3 ċifri** jew kodiċi bl-ittri wara d-deskrittur. Huma jindikaw in-**numru ta' artikolu** tat-Trattat.
Eżempju: **11957E086** hu n-numru għall-**Artikolu 86** tat-Trattat KEE (1957).
Il-**verżjonijiet konsolidati tat-Trattati** huma indikati mis-**sena ta' konsolidazzjoni**.
Eżempju: It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea:

12016E - werrej, verżjoni kkonsolidata 2016

12016E/TXT – verżjoni kkonsolidata 2016

12016E003 – Artikolu 3, verżjoni kkonsolidata 2016

Ftehimiet internazzjonali (settur 2)

Il-ftehimiet internazzjonali huma identifikati mid-**data tal-pubblikazzjoni** tagħhom:
Eżempju: Il-ftehim internazzjonali Nru 22006A1230(03) kien ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fit-30 ta' Diċembru 2006.
Jekk ikunu ġew ippubblikati diversi dokumenti fl-istess ġurnata, jinbidel biss in-numru fil-parentesi: e.g. 22006A1230 **(01)**.

Każistika (settur 6)

Is-**sena** hi s-sena li fiha l-każ **iddaħħal fir-reġistru tal-Qorti**.
In-numru tad-dokument hu bbażat fuq in-**numru tal-każ** maħruġ mill-Qorti tal-Ġustizzja.
Eżempju: 6 **2004** TJ0 **220** jirreferi għas-sentenza fil-**220** każ li ddaħħal fir-reġistru fl-**2004** . In-numru tal-każ hu T-220/04.

Miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni (settur 7)

L-ewwel 10 karattri huma identiċi għal dawk tan-numru CELEX tal-att traspost, bl-eċċezzjoni tal-ewwel wieħed, li jirrappreżenta s-settur CELEX: 3 ("Atti legali") u hija sostitwita b'7 ("Traspożizzjoni nazzjonali"). Id-9 karattri ta' wara jirrappreżentaw is-sena, it-tip u n-numru uniku tal-att traspost.
Wara l-ewwel 10 karattri, kodiċi tal-pajjiż bi 3 ittri jindika l-Istat Membru li huwa l-awtur tal-miżura tat-traspożizzjoni nazzjonali partikolari.
Fi tmiem in-numru CELEX, in-numru li jsegwi l-linja huwa l-identifikatur uniku mill-bażi tad-data tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni. Dawn l-identifikaturi huma ta' 2 tipi, l-aktar wieħed reċenti jinkludi l-prefiss tas-sena.

Eżempji:

72018L2002POL_285543

72013L0032AUT_202103576

Identifikaturi b'asterisk jintużaw għal skopijiet ta' wiri biss, meta l-istess miżura unika ta' traspożizzjoni timplimenta aktar minn att legali wieħed. Mhumiex numri CELEX reali. L-asterisk jissostitwixxi l-parti tal-identifikatur li ntiret mill-atti trasposti.
Eżempju: 7*EST_202103476 jintwera għal miżura li qed tittrasponi 2 direttivi.
Hemm 2 numri CELEX differenti attribwiti għal din il-miżura: 72013L0034EST_202103476 u 72014L0095EST_202103476

- ## Rettifiki

  Ir-rettifiki għandhom l-istess numru bħad-dokument li qed jemendaw, fejn tingħaqad **R(xx)** fl-aħħar (xx hu n-numru tar-rettifika).
  Eżempju: 32009L0164R(**01**) hi l-ewwel rettifika tad-Direttiva **32009L0164**.
  Rettifika tista' tirrigwarda lingwa waħda jew aktar, jew saħansitra l-lingwi kollha.

- ## Testi kkonsolidati (settur 0)

  It-testi kkonsolidati għandhom l-istess numru bħall-att bażiku – iżda s-settur tagħhom hu **"0"**.

  In-numru hu segwit mid-**data ta' applikazzjoni tal-aħħar emenda tal-att**.

  Eżempju: 02009L0156-**20161018**
  Aktar informazzjoni dwar it-testi kkonsolidati


Teħtieġ aktar għajnuna?
Kif inhuma komposti n-numri CELEX (bl-Ingliż biss)
Infografika dwar in-numri CELEX. (bl-Ingliż biss)

Direttorji tal-liġi tal-UE

Id-direttorji tal-liġi tal-UE huma għodod numeriċi ta' klassifikazzjoni li joffru aċċess għal-liġi tal-UE skont is-suġġett. Dawn huma disponibbli għal:

- Atti legali
- Ftehimiet internazzjonali
- Dokumenti preparatorji

Id-direttorji tal-liġi tal-UE huma maqsumin f'20 kapitlu ewlieni li jkopru l-oqsma speċifiċi tal-attività tal-UE u huma maqsumin ukoll f'diversi sottokapitli.
In-numri blu jindikaw kemm hemm atti disponibbli għal kull kapitlu jew sottokapitlu. Ikklikkja numru biex tara l-lista tar-riżultati bl-atti speċifiċi rilevanti kollha.



Direttorju tal-ġurisprudenza


Id-direttorju tal-ġurisprudenza huwa għodda numerika ta’ klassifikazzjoni li tagħtik aċċess għas-sentenzi u d-digrieti tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti Ġenerali u tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku skont is-suġġett.
Wara t-tibdiliet li ġab miegħu t-Trattat ta' Lisbona, l-iskema ta' klassifikazzjoni – użata għall-analiżi tal-ġurisprudenza mill-1954 sal-2009 – ġiet immodifikata.
L-iskema l-ġdida ilha tiġi applikata għall-ġurisprudenza sa mill-2010. Din tikkonsisti f’9 kapitoli prinċipali, maqsumin ulterjorment f’diversi sottokapitoli.
B’mod awtomatiku, il-EUR-Lex juri l-iskema ta’ klassifikazzjoni attwali. Jekk tixtieq tuża dik li kienet applikabbli sal-2009, ikklikkja **Mur għall-iskema ta’ klassifikazzjoni fis-seħħ qabel it-Trattat ta’ Lisbona (sal-2009)**.
In-numri blu jindikaw kemm hemm atti disponibbli għal kull kapitolu jew sottokapitolu. Ikklikkja numru biex tara l-lista tar-riżultati bl-atti speċifiċi rilevanti kollha.

- 1 The legal order of the European Union 1676
  - 1.01 Sources of EU law 600
    - 1.01.00 General 2
    - 1.01.01 Primary law and secondary legislation 0
    - 1.01.02 General principles of law 598
      - 1.01.02.00 General 24
      - 1.01.02.01 Principle of equality and non-discrimination 124
      - 1.01.02.02 Vested rights 2
      - 1.01.02.03 Principle of the protection of legitimate expectations 183
      - 1.01.02.04 Legal certainty 94
      - 1.01.02.05 Rights of the defence and procedural guarantees 217
      - 1.01.02.06 Principle of proportionality 135
      - 1.01.02.07 Necessity 1
      - 1.01.02.08 Legitimate self-protection 0
      - 1.01.02.09 Force majeure 9
      - 1.01.02.10 Prohibition of unjust enrichment of the European Union 7
      - 1.01.02.11 Precautionary principle 11
  - 1.02 Values and objectives of the European Union 7
  - 1.03 Respective powers and obligations of the European Union and of the Member States 79
  - 1.04 Fundamental rights 897

Karatteristiċi sperimentali

Il-EUR-Lex jippermettilek tipprova firxa ta' karatteristiċi ġodda u tipprovdi feedback qabel ma jsiru standard għall-utenti kollha.
Biex tattiva waħda minn dawn il-karatteristiċi sperimentali:

- immarka l-kaxxa bajda ħdejn il-buttuna "karatteristiċi sperimentali" fil-parti ta' fuq tal-paġna
- ikklikkja l-buttuna "karatteristiċi sperimentali"
- agħżel il-karatteristiċi li tixtieq tattiva
- ikklikkja "Attiva l-karatteristiċi magħżulin".



Ikona speċifika tindika li hemm karatteristika sperimentali attiva fuq il-paġna tiegħek. Jekk tmur bil-mouse fuq din l-ikona, tista' taqra deskrizzjoni qasira tal-karatteristika.
Ara aktar informazzjoni hawn taħt dwar il-karatteristiċi sperimentali disponibbli bħalissa.

L-illinkjar profond hu karatteristika li tagħmilha possibbli li jintwerew links għal atti legali oħrajn imsemmijin fid-dokumenti tal-EUR-Lex.

Article 1

Extension of the term of Community plant variety rights

1. The term of the Community plant variety rights, as provided for in Article 19(1) of Regulation (EC) No 2100/94, shall, for varieties of the species *Asparagus officinalis* L. and of the species groups flower bulbs, woody small fruits and woody ornamentals, be extended by five years.

2. Paragraph 1 of this Article is without prejudice to Article 116(4), fourth indent, of Regulation (EC) No 2100/94.

Matul l-ewwel fażi, il-links jistgħu jiġu attivati biss f'dokumenti b'daqs massimu ta' 900 KB.

Bħalissa din disponibbli biss għall-atti legali.
Mad-daqqa t'għajn tista' tara r-relazzjonijiet kollha bejn att u d-dokumenti relatati miegħu.
Fil-**paġna Informazzjoni dwar id-dokument**, ikklikkja **Uri l-graff tar-relazzjoni**. In-nodu ċentrali jirrappreżenta l-att, u n-nodi kollha ta' madwaru jirrappreżentaw dokumenti relatati. Dokumenti tal-istess tip (emendi, atti delegati, verżjonijiet konsolidati...) għandhom nodi tal-istess kulur.
Nodi b'ikona ta' "+" jindikaw li huma disponibbli aktar subkategoriji ta' dokumenti.
Nodi b'ikona ta' "file" jirrappreżentaw dokumenti. Ikklikkjahom biex tmur fil-paġni relatati tad-dokument. Meta tmur bil-mouse fuq dawn in-nodi, jidhru n-numri CELEX tad-dokumenti. Jekk in-nodu jirrappreżenta proċedura, tintwera ikona speċifika.
Tabella tal-iffiltrar tippermettilek turi kategoriji differenti ta' dokumenti.

Bħalissa din hija biss għal-links għat-trattati u l-każistika u hija disponibbli l-ewwel bl-Ingliż.
Il-links li joħduk lejn id-dokumenti normalment ikunu numri CELEX li jistgħu jiġu kklikkjati. Biex dawn il-links isiru aktar sinifikanti, bil-mod il-mod qed nissostitwixxuhom b'test sempliċi.
Eżempju: Link għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea se jkun **TFUE (2016)** minflok **12016E043**.

Kif tfittex

Tista' tfittex fil-EUR-Lex b'modi differenti, skont il-ħtiġijiet tiegħek u l-kriterji speċifiċi tiegħek.

Tiftixa rapida

- Għal tiftixiet ġenerali
- Ittajpja kelmiet ewlenin jew numri f'qasam ta' test ħieles u sib id-dokumenti u l-proċeduri
- Disponibbli minn kwalunkwe paġna tal-EUR-Lex.

Aktar informazzjoni dwar it-tiftixa rapida

Tiftixa avvanzata


- Għal tiftixiet immirati, li jgħaqqdu diversi kriterji.
- Hemm formoli ta' tiftixa avvanzata predefiniti għal kull ġabra (pereżempju, atti legali, każistika). Meta tagħżel waħda, jintwerew biss il-kriterji ta' tiftixa rilevanti.
- Tista' wkoll tfittex simultanjament f'aktar minn ġabra waħda.
- It-tiftixa avvanzata hi disponibbli minn kwalunkwe paġna tal-EUR-Lex.


Aktar informazzjoni dwar it-tiftixa avvanzata

Tiftixa esperta

- Għal tiftixiet speċifiċi u kumplessi ħafna, normalment imwettqin minn utenti speċjalizzati
- Trid tibni t-tiftixa tiegħek stess bl-operaturi Boolean billi tagħżel mill-metadata disponibbli
- Biex tuża t-tiftixa esperta, irid ikollok il-kont tiegħek fil-EUR-Lex u trid tilloggja
- Ladarba tkun illoggjat, tista' tniedi tiftixa esperta minn kwalunkwe paġna tal-EUR-Lex


Aktar informazzjoni dwar it-tiftixa esperta






Tiftixa skont in-numru tad-dokument

- Rakkomandata jekk taf ir-referenzi tad-dokument li qed tfittex.
- Tista' ssib dokument billi tittajpja s-sena, in-numru u t-tip. Ir-riżultati huma limitati għal dak id-dokument u r-rettifiki tiegħu, jekk ikun hemm.
- Disponibbli biss fil-paġna ewlenija tal-EUR-Lex.



Tiftixa skont in-numru Celex

- Rakkomandata jekk int familjari man-numri Celex.
- Ittajpja n-numru Celex tad-dokument li qed tfittex u jitilgħu r-riżultati bħat-Tiftixa skont in-numru tad-dokument. Aktar informazzjoni dwar in-numri Celex.
- Disponibbli biss fil-paġna ewlenija tal-EUR-Lex.



Ġurnal Uffiċjali tal-UE (ĠU)

- Tista' taċċessa l-aħħar ħarġiet tal-ĠU direttament mill-paġna ewlenija tal-EUR-Lex.





- Ikklikkja **Aktar** biex tmur fil-paġna ta' aċċess tal-ĠU, fejn tista' tagħżel diversi kriterji biex tfittex ħarġa tal-ĠU.

Ibbrawżja skont l-istituzzjonijiet

- Tista' tibbrawżja wkoll skont l-istituzzjoni li tadotta l-atti tal-UE: il-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni.
- Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu taqsima speċifika b'għodod ta' tiftixiet personalizzati, widget "Ippubblikati riċentament" u statistika dwar l-atti legali tal-BĊE.
- Tista' taċċessa "Ibbrawżja skont l-istituzzjonijiet" mill-paġna ewlenija tal-EUR-Lex u fuq kwalunkwe paġna oħra billi tikklikkja l-Menù.

Ara aktar dwar Ibbrawżja skont l-istituzzjonijiet.

Ibbrawżja skont il-EuroVoc

- Il-EuroVoc huwa teżawru b'diversi lingwi li jkopri firxa wiesgħa ta' oqsma relatati mal-attivitajiet tal-Unjoni Ewropea (eż. liġi, finanzi, kummerċ). Jintuża biex jiddeskrivi u jelenka d-dokumenti fil-EUR-Lex u jtejjeb l-aċċess għal-leġiżlazzjoni. Huwa organizzat f'21 dominju u 127 subdominju.
- Tista' taċċessa "Ibbrawżja skont il-EuroVoc" mill-paġna ewlenija tal-EUR-Lex u fuq kwalunkwe paġna oħra billi tikklikkja l-Menù.

Aktar informazzjoni dwar Ibbrawżja skont il-EuroVoc


I-Unjoni Ewropea

EUR-Lex

Aċċess għal-liġi tal-Unjoni Ewropea

Dan id-dokument hu mislut mis-sit web tal-EUR-Lex

Tfittxija rapida




Tista' tuża t-tfittxija rapida biex tfittex b'mod ġenerali, billi tuża test liberu bħal kelma, frażi jew numru.
Din tfittex biss fil-lingwa magħżula għall-interface tas-sit web u tfittex riżultati f'firxa wiesgħa ta' oqsma: titolu, test tad-dokumenti, identifikatur, informazzjoni relatata, eċċ.
It-tfittxija rapida hija disponibbli fin-naħa ta' fuq ta' kwalunkwe paġna tal-EUR-Lex.
Ġeneralment din twassal għal għadd kbir ta' riżultati. Hemm modi differenti kif tirrestringi r-riżultati tat-tfittxija tiegħek biex issib eżattament dak li trid. Tista' tuża:

1 Wildcards

- il-virgoletti (“ ”) biex tfittex frażi eżatta.
- asterisk (*) biex tissostitwixxi kwalunkwe numru ta' karattri
  Eżempju: komun* se ssib komuni, komunikazzjoni, eċċ.
  Dan jaħdem ukoll għan-numri tad-dokumenti
- marka tal-mistoqsija (?) flok karattru wieħed fit-terminu tat-tfittxija tiegħek se jsib varjazzjonijiet għal dan it-terminu
  Eżempju: sħa?a issib sħaba u sħana.

Biex tara dawn is-suġġerimenti, ikklikkja **Pariri għat-tfittxija** jew il-kaxxa tat-tfittxija rapida.



2 It-tfittxija avvanzata tirrestringi it-tfittxija għal titoli u/jew testi u għal kriterji oħra.


.

Qasam	Deskrizzjoni
Titolu	It-titolu tad-dokument kif ippubblikat fIl-Ġurnal Uffiċjali, fir-Rapporti tal-Qorti Ewropea jew kif jidher fid-dokument oriġinali. **Eżempju:** Id-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar l-indikazzjoni permezz ta' ttikkettar u l-informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum tal-enerġija u riżorsi oħra minn prodotti marbutin mal-enerġija (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
Test	It-test sħiħ tad-dokument kif ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali, fir-Rapporti tal-Qorti Ewropea jew kif jidher fid-dokument oriġinali.
Numru CELEX	L-identifikatur CELEX hu kemm identifikatur uniku tad-dokument kif ukoll kodiċi ta' klassifikazzjoni, tkun xi tkun il-lingwa. Dan jintuża bħala l-bażi għal referenzi inkroċjati ta' dokumenti fil-bażi tad-data. **Eżempju:** 32014R1338
Direttorji ta' leġiżlazzjoni u każistika	Id-direttorji tal-liġi tal-UE huma għodod numeriċi ta' klassifikazzjoni li joffru aċċess għal-liġi tal-UE skont is-suġġett. Id-direttorji kollha għandhom l-istess struttura: 20 kapitolu b'diviżjonijiet f'aktar sottotaqsimiet kif meħtieġ. Kull kapitolu jkopri qasam speċifiku tal-attività tal-UE. Kull deskrittur hu magħmul minn 8 ċifri li jikkorrispondu għall-intestatura tal-kapitolu prinċipali u sa 3 sottodiviżjonijiet sussegwenti, kull waħda rappreżentata b'2 ċifri. Id-dokumenti jistgħu jiġu indiċjati bi 3 kodiċijiet tad-direttorju. Hemm klassifikazzjoni tad-direttorju tal-każistika speċifika tal-UE. Il-kodiċijiet tad-direttorju huma użati wkoll għal edizzjonijiet speċjali tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea biex jindikaw in-numru tal-kapitlu. **Eżempju:** 04.10.30.00 Sajd/Politika komuni tas-sajd/Konservazzjoni tar-riżorsi
Suġġett	Is-suġġett hu għodda ta' klassifikazzjoni li fiha lista strutturata b'mod alfabetiku b'aktar minn 200 kelma ewlenija. Hu bbażat fuq sottodiviżjonijiet tat-Trattati u fuq l-oqsma ta' attività tal-istituzzjonijiet. Id-deskritturi huma anqas speċifiċi minn dawk użati fil-kodiċi tad-direttorju iżda jipprovdu ħarsa ġenerali lejn il-kontenut tad-dokument. Dokument wieħed jista' jiġi indiċjat bi 3 deskritturi ta' suġġett. **Eżempji:** Network trans-Ewropej; Kompetizzjoni; Telekomunikazzjonijiet
Awtur	L-isem tal-istituzzjoni, il-korp jew il-pajjiż li pproduċa l-att. **Eżempju:** Il-Parlament Ewropew
Deskritturi EuroVoc	Il-EuroVoc huwa teżawru multilingwi u multidixxiplinarju li jkopri l-oqsma ta' attività tal-UE. Fih it-termini ewlenin, organizzati f'21 dominju u 127 sottodominju, li jintużaw biex jiddeskrivu l-kontenut tad-dokumenti fil-EUR-Lex. Dan jintuża bħala għodda ta' indiċjar għall-ġbir tad-dokumenti tal-EUR-Lex. **Eżempji:** astronomija; pjanta tropikali; zokkor
Titolu tal-proposta tal-proċeduri leġiżlattivi	Titolu tal-proposta li qed tniedi l-proċedura leġiżlattiva.


	Eżempju: COM(2015)341: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-effiċjenza tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE
Kodiċi tal-proċedura interistituzzjonali tal-proċeduri leġiżlattivi	Il-proċedura hi identifikata minn kodiċi u numru interistituzzjonali. Aqra aktar dwar il-proċeduri. **Eżempju:** 2016/0351/COD (fejn 2016 hi s-sena meta tnediet il-proċedura, 0351 hu n-numru interistituzzjonali u COD hi l-kodiċi użata għall-proċeduri leġiżlattivi ordinarji)
Titolu alternattiv għall-każistika tal-UE (li fih ismijiet ta' partijiet — NOM_USUEL)	Kwalunkwe titolu/i alternattiv(i) li jista' jkollu dokument. Għal dokumenti mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja, l-ismijiet tal-partijiet jidhru f'dawn l-oqsma. **Eżempju:** Chemical GmbH/Il-Kummissjoni
Numru naturali għal leġiżlazzjoni sekondarja	Numru preżenti fit-titolu tal-att legali (Regolament (UE) **2017/1001** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill). **Eżempju:** 2017/1001
Isem l-avukat ġenerali għall-każistika tal-UE	Isem l-Avukat Ġenerali li ta l-opinjoni dwar il-każ tal-qorti (każistika tal-UE). **Eżempji:** Jacobs; Tizzano
Tip ta' dokument	Deskrittur għat-tip ta' dokument. **Eżempji:** R għal Regolament, L għal Direttiva, D għal Deċiżjoni,...
ECLI	L-identifikatur Ewropew tal-każistika hu identifikatur b'5 partijiet għal dokument legali, imfassal biex il-bażijiet ta' data tal-każistika Ewropea jkunu aktar użabbli. Għandu dan il-format: l-identifikatur jikkonsisti f'ħames komponenti, fl-ordni li ġejja u kull wieħed separat b'żewġ punti. ▪ L-abbrevjazzjoni "ECLI". ▪ Il-kodiċi tal-pajjiż (2 karattri). ▪ Il-kodiċi tal-qorti (1-7 karattri). ▪ Is-sena tad-deċiżjoni (4 ċifri). ▪ In-numru identifikatur uniku (mass. 25 karattru, jistgħu jintużaw it-tikek). **Eżempju:** ECLI:EU:C:1998:27 jidentifika s-27 deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-1998.
Rapporteur għall-każistika tal-UE	Isem l-Imħallef-Rapporteur għall-każ. **Eżempji:** Cooke; Makarczyk


Tfittxija avvanzata

It-tfittxija avvanzata hija utli ħafna meta tkun trid tagħmel tfittxija bbażata fuq kriterji speċifiċi. Il-link għall-paġna tat-tfittxija avvanzata huwa disponibbli fin-naħa ta' fuq ta' kull paġna tal-EUR-Lex, eżatt taħt it-tfittxija rapida.




Il-formola tat-tfittxija avvanzata toffri varjetà ta' kriterji li trid tagħżel qabel ma tibda t-tfittxija tiegħek.
Biex tillimita t-tfittxija tiegħek għal tipi speċifiċi ta' dokumenti bħal trattati, atti legali jew dokumenti preparatorji, ikklikkja l-kaxxa **Ġabra** u agħżel kategorija.






Il-formola tat-tfittxija tadatta għall-kategorija magħżula billi turi kriterji speċifiċi tat-tfittxija. Meta tagħfas il-buttuna tat-tfittxija, is-sistema tfittex biss dokumenti li jappartjenu għall-kategorija magħżula tal-atti.
Biex tagħmel tfittxija f'diversi kategoriji tal-atti kklikkja **Agħżel ġabriet multipli** u agħmel l-għażla tiegħek.




Fin-naħa ta' fuq tal-paġna, tista' tillimita t-tfittxija tiegħek billi tittikkja waħda mill-kaxxi tal-għażla. L-opzjonijiet disponibbli jiddependu mill-ġabra magħżula.



It-taqsimiet li ġejjin jagħtu dettalji dwar il-kriterji tat-tfittxija li tista' tuża meta tagħżel il-ġabra **Id-dokumenti kollha**, li tidher b'mod awtomatiku fil-formola tat-tfittxija avvanzata.


Tfittxija tat-test

Il-kaxxa **Tfittxija tat-test** tagħti ħafna possibbiltajiet fir-rigward tal-kliem ewlieni għat-tfittxija.




Fl-ewwel entrata, ittajpja kelma, numru jew sekwenza ta' kliem u/jew numri. B'mod awtomatiku, jiġu ittikkjati ż-żewġ kaxxi tal-għażla "fit-titlu" u "fit-test". Dan ifisser li s-sistema tfittex il-kliem ewlieni tiegħek kemm fit-titli kif ukoll fit-testi tad-dokumenti. Jekk tixtieq tfittex biss fit-titli, mela kklikkja fuq "fit-test" biex ma tibqax ittikkjata. U jekk tixtieq tfittex biss fit-testi tad-dokumenti u mhux fit-titoli tagħhom, mela kklikkja fuq "fit-titlu" biex ma tibqax ittikkjata.
Jekk ikun meħtieġ, fil-EUR-Lex tista' timla t-tieni entrata u torbotha mal-ewwel waħda permezz tal-operaturi ta' tfittxija "AND", "OR" u "NOT".

Pereżempju, nistgħu nfittxu dokumenti li jkollhom “ambjent” fit-titolu tagħhom u “trasport” fit-test tagħhom.




Jew, nistgħu nfittxu dokumenti li jkollhom “ambjent” fit-titolu tagħhom, iżda mhux “trasport”.



Referenza tad-dokument


Fil-kaxxa **Referenza tad-dokument** tista’ tillimita t-tfittxija għal data, numru speċifiku tad-dokument u/jew tipi speċifiċi ta’ dokumenti.



It-tipi ta’ dokumenti disponibbli fil-kaxxa jiddependu mill-ġabra magħżula li tinsab fin-naħa ta’ fuq tal-formola tat-tfittxija. Jekk tkun teħtieġ aktar opzjonijiet, ikklikkja l-buttuna tal-plus.


Awtur

Il-kriterji tat-tfittxija tal-kaxxa **Awtur** huma utli meta tkun tixtieq tillimita t-tfittxija tiegħek għal dokumenti magħmula minn istituzzjoni, korp, entità, pajjiż speċifiku, eċċ.
Jekk ma ssibx l-awtur li tkun qed tfittex fil-menù li jinżel tal-**Awtur**, ikklikkja l-buttuna tal-plus fil-kaxxa **Oħrajn** għal aktar opzjonijiet.




Fittex skont id-data

Fil-kaxxa **Fittex skont id-data**, tista' tagħżel waħda mid-dati li jikkaratterizzaw id-dokument(i) li tkun qed tfittex. Pereżempju, id-data meta d-dokument ikun ġie adottat jew ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali, jew id-data meta d-dokument se jidħol fis-seħħ. Jekk ma tkunx trid tagħżel tip speċifiku ta' data, agħżel **Id-dati kollha**.
Tista' tindika wkoll data speċifika (jum/xahar/sena; xahar/sena jew sena biss) jew firxa ta' dati.



Ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali

Il-kriterji tat-tfittxija tal-kaxxa Ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali jħalluk tillimita t-tfittxija tiegħek għad-dokumenti ppubblikati f'xi edizzjonijiet tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
Tista' tirrestringi t-tfittxija tiegħek għal sena speċifika, serje speċifika tal-ĠU jew edizzjoni speċifika tal-Ġurnal Uffiċjali jekk tkun taf in-numru tiegħu. Tista' wkoll tagħmel tfittxija bbażata fuq in-numru tal-paġna ta' Ġurnal Uffiċjali li jkun jibda bih dokument.
Fil-EUR-Lex tista' wkoll tagħmel tfittxijiet li jkunu limitati għal edizzjoni speċjali tal-Ġurnal Uffiċjali.




Tema

Uża l-kaxxa **Tema** biex tagħmel tfittxijiet dwar suġġett speċifiku.
Is-suġġetti disponibbli fil-formola tat-tfittxija avvanzata huma s-suġġetti tat-teżawru EuroVoc.
Dawn jinqasmu f'21 dominju u 127 subdominju.


Biex tagħżel suġġett, ikklikkja l-buttuna tal-plus fil-kaxxa **teżawru EuroVoc**.



Imbagħad, agħżel suġġett wieħed jew aktar. Fl-eżempju ta' hawn taħt, it-tfittxija ttellagħlek dokumenti relatati mas-suġġetti "ambjent ġeofiżiku" u "fawna selvaġġa".




Biex tiżgura li r-riżultati tat-tfittxija tiegħek ikunu jinkludu d-dokumenti li jappartjenu għas-subsuġġetti relatati mas-suġġetti li tkun għażilt, ittikkja l-kaxxa **Inkludi s-sublivelli ta' termini stretti magħżula**.




Dokumenti relatati ma’ proċedura leġiżlattiva

Fil-kaxxa **Dokumenti relatati ma’ proċedura leġiżlattiva**, tista’ tibni tfittxija li tillimita t-tfittxija għal dokumenti relatati ma’ tip speċifiku ta’ proċedura (pereżempju proċedura leġiżlattiva ordinarja jew proċedura mhux leġiżlattiva) u, jekk tkun tixtieq, għal sena preċiża. Tista’ wkoll tillimita t-tfittxija għad-dokumenti relatati ma’ proċedura speċifika billi tittajpja n-numru tagħha (pereżempju 2005/0042/COD) fl-entrata tan-**Numru**.




Uri biss id-dokumenti disponibbli fi

Fil-kaxxa **Uri biss id-dokumenti disponibbli fi** tista’ tillimita t-tfittxija għal dokumenti ppubblikati b’lingwa waħda jew b’diversi lingwi.
Pereżempju, jekk tagħżel “Spanjol”, is-sistema tfittex id-dokumenti kollha li jkunu ġew ippubblikati bl-Ispanjol.



Jekk tkun qed tuża l-EUR-Lex b’lingwa differenti minn dik li tkun għażilt fil-kaxxa **Uri biss id-dokumenti disponibbli fi**, it-tfittxija tiegħek ittellagħlek dokumenti li jkunu ġew ippubblikati fil-lingwa magħżula, iżda tarahom fil-lingwa tal-interface tiegħek.
Fl-eżempju ta’ hawn fuq, għażilna “Spanjol” filwaqt li l-interfaċċa tal-utent tinsab bl-Ingliż. Is-sistema ttella’ dokumenti li jkunu ġew ippubblikati bl-Ispanjol iżda fil-lista tar-riżultati turihom bl-Ingliż.
Skont il-ġabra li tkun għażilt fin-naħa ta’ fuq tal-formola tat-tfittxija avvanzata, jista’ jkun hemm ftit opzjonijiet ta’ tfittxija disponibbli oħra. Jekk ikollok xi dubji dwar kif tużahom, jekk jogħġbok mur fuq l-ikona bil-punt interrogattiv għal spjegazzjonijiet qosra.




either one date (in format 14/05/2012) or a range (from 01/01/2011 to 31/12/2011). You can use the calendar or enter your date directly.
Search by date
All dates
Specific date
dd/mm/yyyy
Date range
dd/mm/yyyy
dd/mm/yyyy
Valid formats:
yyyy
mm/yyyy
dd/mm/yyyy

Tiftixa esperta

Wettaq tfittxijiet kumplessi billi:

1. Tillogġja bil-kont *EUR-Lex Tiegħi* tiegħek
2. Tikklikkja **Tiftixa Esperta** fin-naħa ta' fuq, fuq il-lemin tal-iskrin.

Kif twettaq tiftixa esperta

1. Agħżel il-*Lingwa tat-Tiftixa* tiegħek.
2. Daħħal il-parametri tat-tfittxija fil-*kaxxa tal-Mistoqsija esperta*, billi tuża s-sintassi x-xierqa, f'**1 minn 2 modi**:
   - 2.1 ittajpja l-mistoqsija tiegħek **manwalment** fil-kaxxa
   - 2.2 uża l-**għajnuniet tas-sistema** li jitilgħu
   - 2.3 ikklikkja element fl-*Oqsma tat-tiftix* u s-sistema se żżid il-*qasam* rilevanti mal-kaxxa tal-mistoqsija, u se turi wkoll (fuq il-lemin) informazzjoni u għajnuna xierqa.

     Kodiċijiet jew ismijiet sħaħ
     B'mod awtomatiku l-oqsma tat-tiftix jidħlu fil-kaxxa tal-mistoqsija bħala kodiċi (eż. TI). Biex turi l-oqsma tat-tiftix bl-isem sħiħ tagħhom (eż. Titolu), agħżel il-buttuna **Test**, taħt il-kaxxa.
     Il-mistoqsija tiegħek tista' tinkludi taħlita ta' kodiċijiet għal xi oqsma u ismijiet sħaħ għal oħrajn.
     L-oqsma tat-tiftix (u l-ispjegazzjoni tagħhom) jintwerew biss jekk ikun attivat il-JavaScript fil-browser tiegħek.
   - 2.4 Tista' tuża wkoll il-buttuni l-blu fil-kaxxa tal-għodda fuq in-naħa tal-lemin tal-kaxxa tal-mistoqsija biex iżżid operaturi, wildcards u speċifikaturi tal-qasam.
     Ara aktar fil-kapitlu li jmiss: **Operaturi tas-sintassi u tat-tiftix**
3. Ikklikkja *Fittex*.

Jekk is-sintassi tiegħek hi invalida, is-sistema se turi messaġġ ta' żball.
Tista' wkoll tiċċekkja manwalment jekk is-sintassi hijiex valida billi tikklikkja l-buttuna *Iċċekkja s-sintassi*.
Biex **tiżvojta l-oqsma kollha**, ikklikkja *Ħassar*.

Operaturi tas-sintassi u tat-tiftix

Il-mistoqsija tat-tiftixa esperta tiegħek irid ikollha tal-inqas it-3 elementi li ġejjin (*f'din l-ordni*):

	Qasam tat-tiftix (metadata)	Speċifikatur tal-qasam	Terminu tat-tiftix
Eżempju:	Titolu	~	Ewropa

Tista' toħloq tfittxijiet aktar kumplessi billi tuża **operaturi** tat-tiftix, bħall-operatur *AND*.
Eżempju

Titolu	~	Ewropa	AND	Awtur	=	COM
Qasam tat-tiftix	*Speċifikatur tal-qasam*	*Terminu tat-tiftix*	*Operatur tat-tiftix*	*Qasam tat-tiftix*	*Speċifikatur tal-qasam*	*Terminu tat-tiftix*

Operaturi

Għal talbiet aktar kumplessi. Ittajpjahom **manwalment** jew uża l-**buttuni blu** fuq in-naħa tal-lemin tal-iskrin tiegħek.

Operatur	Funzjoni
AND	Isib ir-riżultati li fihom it-**termini kollha tat-tfittxija tiegħek**
JEW	Isib ir-riżultati li fihom **tal-inqas wieħed** mit-termini tat-tfittxija tiegħek
NOT	**Jeskludi** t-termini tat-tfittxija mir-riżultati tiegħek
WHEN	Ifittex għal **subsett** ta' grupp prinċipali ikbar
()	**Jiġbor flimkien** it-termini tat-tfittxija u jispeċifika l-ordni li se jiġu **interpretati** biha
NEAR10	Isib termini tat-tfittxija **li jkunu mhux iktar minn 10 kelmiet bogħod minn xulxin**
NEAR40	Isib termini tat-tfittxija **li jkunu mhux aktar 'il bogħod minn 40 kelma minn xulxin**
*****	Jissostitwixxi **0 sa n karattri**
?	Jissostitwixxi **karattru wieħed**
<	Anqas minn

<=	Anqas minn jew daqs
>	Akbar minn
>=	Akbar minn jew daqs
<>	Mhux daqs
=	Daqs; għandu jintuża biss għal *Data kkodifikata* meta tkun qed tfittex għal tqabbil eżatt bejn it-terminu tat-tfittxija u r-riżultat
~	Fih; għandu jintuża biss għal *Data tat-test* meta tkun qed tfittex dokumenti li fihom it-terminu tat-tfittxija tiegħek

Tfittxija għal termini speċifiċi

	Mistoqsija	Isib
B'mod awtomatiku, il-EUR-Lex se jfittex **il-kliem kollu li joħroġ mill-kelma għerq bażika** li se ddaħħal.	*Test ~ regola*	Dokumenti li fihom it-terminu *"regola"* iżda wkoll eż. *"regolament"* jew *"regolarizzazzjoni"* fit-test.
Biex tfittex biss għat-**terminu eżatt**, uża l-**virgoletti**	*Test ~ "regola"*	Dokumenti li fihom biss it-terminu *"regola"* fit-test.
AND Isib ir-riżultati li fihom it-**termini kollha tat-tfittxija tiegħek**	*Test ~ personali AND data*	Dokumenti li fihom il-kliem “personali” u “data” fit-test.
	Titolu ~ “trattament indaqs” AND Test ~ fundamentali	Dokumenti bil-kelmiet “trattament indaqs” fit-titolu u l-kelma “fundamentali” fit-test.
	Titolu ~ “data personali” AND Ġabra = LEĠIŻLAZZJONI	Leġiżlazzjoni li fiha l-fraži “data personali” fit-titolu.
OR Isib ir-riżultati li fihom **tal-inqas 1** mit-termini tat-tfittxija tiegħek:	*Titolu ~ “trattament indaqs” OR Test ~ fundamentali*	Dokumenti li fihom **jew** il-kelmiet “trattament indaqs” fit-titolu **jew** il-kelma “fundamentali” fit-test.
NOT **Jeskludi** t-termini tat-tfittxija mir-riżultati tiegħek:	*Titolu ~ “trattament indaqs” NOT Test ~ fundamentali*	Dokumenti li fihom il-kelmiet “trattament indaqs” fit-titolu iżda li **m'għandhomx il-kelma "fundamentali"** fit-test.

- ⚠ Ma tistax **tikkombina** tfittxija *sħiħa tat-test* ma' tfittxija fuq *Oqsma tat-tfittxija* (metadata) oħrajn billi tuża l-operatur **OR**.
- *Titolu ~ "data personali" OR Ġabra = LEĠIŻLAZZJONI* mhijiex mistoqsija valida

- Biex tikkombina dawn iż-żewġ elementi tat-tfittxija, ikollok minflok tuża jew l-operatur **AND** jew l-operatur **NOT**.
- *Titolu ~ "data personali data" AND Ġabra = LEĠIŻLAZZJONI* hija mistoqsija valida
- *Titolu ~ "data personali data" NOT Ġabra = LEĠIŻLAZZJONI* hija mistoqsija valida

Ordni ta' preċedenza tal-operaturi AND, OR u NOT

Hemm **ordni fissa ta' preċedenza** bejn dawn l-operaturi.
'NOT' għandu preċedenza fuq 'AND', u 'AND' għandu preċedenza fuq 'OR'.
Eżempju

Mistoqsija	Isib
Titolu ~ trattament **AND** *indaqs* **NOT** *drittijiet* **OR** *Test ~ fundamentali*	Dokumenti li fit-titolu tagħhom fihom: ▪ Kemm "trattament" **KIF UKOLL** "indaqs", iżda **MHUX** "drittijiet" **JEW** ▪ "fundamentali" fit-**test** Biex tispeċifika prijorità differenti, uża l-**parenteżi**.

PARENTEŻI ( )

Tista' tuża l-**parenteżi** biex tiġbor flimkien elementi fil-mistoqsija tiegħek u tispeċifika l-ordni li biha jiġu interpretati – anke biex tibdel l-ordni prijoritarju awtomatiku ta' AND, NOT u OR.

	Mistoqsija	Isib
EBDA PARENTEŻI	*Titolu ~ trattament AND indaqs OR drittijiet*	Dokumenti li fit-**titolu** tagħhom fihom: ▪ kemm “trattament” KIF UKOLL “indaqs” **JEW** ▪ biss il-kelma “drittijiet”
BIL-PARNETEŻI ( )	*Titolu ~ trattament AND (indaqs OR drittijiet)*	Dokumenti li fit-**titolu** tagħhom fihom **jew** : ▪ “trattament” u “indaqs” **JEW** ▪ “trattament” u “drittijiet”

WHEN

Uża dan biex issib **subsett** ta' grupp prinċipali ikbar WHEN jaħdem b'mod simili għal AND, iżda huwa aktar restrittiv.
Eżempju

Mistoqsija	Isib
Bażi_legali = 32012R1151 WHEN Paragrafu_bażi_legali = 3	Dokumenti: ▪ li l-bażi legali tagħhom hi dokument b'numru CELEX 32012R1151, u ▪ li huma bbażati fuq il-paragrafu 3 ta' dak id-dokument.

NEAR10

Isib termini li jkunu **mhux aktar 'il bogħod minn 10 kelmiet** ta' terminu ieħor speċifikat
Eżempju

Mistoqsija	Isib
Test = "trasport" NEAR10 "jitħassar"	Dokumenti li fihom il-kliem "trasport" u "jitħassar" li ma jkunux aktar 'il bogħod minn 10 kelmiet minn xulxin (irrispettivament mis-sentenzi u l-paragrafi).

NEAR40

Jaħdem bħall-operatur NEAR10 **iżda l-kliem ikun mhux aktar 'il bogħod minn 40 kelma minn terminu speċifikat**.
Tista' tuża NEAR10 u NEAR40 biss għat-**tfittxijiet fit-test**.

WILDCARDS (* u ?)

	Mistoqsija	Isib
*	*Jissostitwixxi* **0 sa n karattri**	*espe** se ssib *espert*, *esperiment*, *esperjenza*, eċċ.
?	Jissostitwixxi **karattru wieħed**	*saħ?a* se ssib *saħħa*, *saħta*, *saħna*, eċċ.

Il-wildcards **ma jistgħux jintużaw biex tibda** terminu tat-tfittxija.

*Test ~ *azzjoni* mhijiex tfitxija valida.

FIRXIET

Biex iddaħħal **firxa ta' valuri** għal dati jew numri, uża dawn l-operaturi:

Mistoqsija	Isib
< (anqas minn)	Għad-dati, dan ifisser "qabel" eż. *Data_ta'_pubblikazzjoni < 01/01/2015*

<= (anqas minn jew daqs)
> (akbar minn)
= (akbar minn jew daqs)
<> (mhux daqs)

EQUALS (=)

isib riżultati li jaqblu bl-**eżatt** mat-terminu tat-tfittxija tiegħek. L-operatur jiżdied awtomatikament mal-*oqsma* x-xierqa meta jintgħażlu mill-*Oqsma tat-tfittxija*.
Nota: l-operatur li jirrappreżenta "daqs" ma jistax jiġi użat ma' *data tat-test*.
Eż. l-oqsma għad-**dati u n-numri** se jagħtu riżultati għal dik id-data jew in-numru *eżatt*.

Mistoqsija	Isib
Data_ta'_pubblikazzjoni = 16/11/2010	Dokumenti ppubblikati fis-16/11/2010 biss.

TILDE (~)

Isib it-testi kollha **li fihom** it-terminu tat-tfittxija li tkun daħħalt.

Mistoqsija	Isib
Titolu ~ Kummissjoni	Dokumenti li t-titolu tagħhom fih il-kelma “Kummissjoni”.

Oqsma tat-tfittxija

L-oqsma tat-tfittxija jintwerew **taħt il-kaxxa tat-tiftixa esperta**, fuq in-naħa tax-xellug.
Dawn huma **l-oqsma kollha li tista' tfittex dwarhom**, miġburin f'kategoriji. B'mod awtomatiku, jintwerew biss il-livelli ta' fuq. Ikklikkjahom biex tara jew taħbi s-sublivelli.

Għajnuna għall-oqsma tat-tfittxija

Meta tikklikkja **element** fil-lista tal-oqsma tat-tfittxija, is-sistema turi (fuq il-lemin tal-lista) spjegazzjonijiet, eżempji u għajnuniet dwar kif tuża dak il-qasam:

Valuri (forma ta' lista)

Għal xi tipi ta' oqsma (eż. *Dokumenti –> Data kkodifikata –> Klassifikazzjonijiet –> Suġġett (CT)*), is-sistema turi lista ta' valuri li tista' **tagħżel** għat-tfittxija tiegħek (immarka l-kaxxa quddiem il-valur(i) mixtieq(a) u kklikkja l-buttuna *Żid mat-tfittxija*).
Biex issib **valur speċifiku** – ittajpjah fil-kaxxa *Iffiltra* fin-naħa ta' fuq tal-lista u kklikkja l-buttuna *Iffiltra*

Valuri (forma ta’ siġra)

Xi valuri jintwerew f'forma ta’ siġra (eż. *Dokumenti –> Data kkodifikata –> Klassifikazzjonijiet –> deskrittur_EUROVOC (DC)*).
Ikklikkja ▸ biex tespandi element u mmarka l-kaxxa quddiem il-valur(i) mixtieqa biex tagħżlu /tagħżilhom (*tista' tagħżel iktar minn valur wieħed*).
Biex issib **valur speċifiku** – ittajpjah fil-kaxxa *Iffiltra* fin-naħa ta' fuq tal-lista u kklikkja l-buttuna *Iffiltra*
Ikklikkja l-buttuna *Żid mat-tfittxija* (*valuri multipli se jiġu separati bl-operatur "OR"*)

Fittex skont id-data

Fittex skont data **eżatta** jew **firxa** ta’ dati:

1. Agħżel qasam relatat ma' data (eż. Dokumenti –> Data kkodifikata – > Dati – > Data_ta_pubblikazzjoni) u mill-menu li jespandi fuq il-lemin agħżel jew:
   1.1 *Data speċifika*
   1.2 *Firxa ta’ dati*
2. Ittajpja d-dati **manwalment** (JJ/XX/SSSS) jew uża l-buttuna tal-**kalendarju** .
3. Ikklikkja l-buttuna *Żid mat-tfittxija*.

Relazzjonijiet bejn id-dokumenti

Biex tfittex dokumenti skont ir-relazzjoni (eż. issib dokument emendat minn ieħor, jew dokument affettwat minn ċertu każ):

1. Ikklikkja *Dokumenti –> Data kkodifikata –> Relazzjoni bejn id-dokumenti*.
2. Ikklikkja tip ta' relazzjoni, eż. *Emendat_minn (MD)*.
3. Fuq il-lemin se tara:
   3.1 qasam għan-*numru CELEX*
   Jekk in-numru CELEX fih il-parentesi, jekk jogħġbok daħħlu f’virgoletti (eż. "42000A0922(02)".
   3.2 f'xi każijiet hemm menù dropdown ukoll għar-*Rwol primarju*, fejn tista' tkun aktar speċifiku dwar ir-relazzjoni.
4. Ikklikkja wieħed mill-valuri fil-lista ta' riżultati.
5. Ikklikkja l-buttuna *Żid mat-tfittxija*.

*L-oqsma għall-***Bażi Legali** *jippermettulek tispeċifika t-tfittxija tiegħek għal artikolu, paragrafu jew saħansitra subparagrafu speċifiku*.

Kummenti dwar ir-relazzjonijiet bejn id-dokumenti

Tista’ tfittex ukoll fil-kummenti li saru għar-relazzjonijiet bejn id-dokumenti. Eżempji ta’ oqsma b’ kummenti dwar ir-relazzjonijiet bejn id-dokumenti jinkludu: *Dokumenti –> Data kkodifikata –> Relazzjoni bejn id-dokumenti –> Każ_li_jaffettwa (AJ); Strumenti_ċitati (CI);* jew *Bażi_legali (LB)*.

Biex tfittex il-kummenti li saru dwar ir-relazzjonijiet bejn id-dokumenti, ara l-proċedura deskritta hawn fuq fir-“Relazzjonijiet bejn id-dokumenti”.

Ippersonalizza r-riżultati tat-tfittxija tiegħek

Taħt il-kaxxa tat-Mistoqsija esperta, tista' tuża l-buttuna *Ippersonalizza l-informazzjoni li qed tidher* biex tbiddel kif jintwerew ir-riżultati.

Enfasizzar ta' kliem fir-riżultati tiegħek – ZOOM tat-test

Biex tenfasizza – fil-lista tar-riżultati tiegħek – kliem minn kwalunkwe **qasam tat-test** li qed tfittex bih:

1. Ikklikkja *ZOOM tat-test* (taħt *Biddel il-metadata murija*)
2. Agħżel l-**għadd ta' kliem** li għandu **jintwera qabel/wara** it-termini tat-tfittxija tiegħek.

Biex tapplika dawn it-tibdiliet kollha għar-riżultati tat-tfittxija tiegħek, ikklikkja *Applika*.

Allerti RSS predefiniti

Tista' tuża allert RSS biex iżżomm ruħek aġġornat mal-aħħar pubblikazzjonijiet fil-EUR-Lex relatati ma' kategoriji predefiniti ta' dokumenti u edizzjonijiet tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Din it-teknoloġija tippermettilek issegwi s-siti web mingħajr ma tmur fis-sit ewlieni. Kull darba li l-EUR-Lex jippubblika dokument ġdid relatat mal-kategorija magħżula tiegħek, tiġi avżat permezz tal-browser tiegħek jew permezz ta' qarrej RSS.
Tista' taċċessa u tabbona għall-gruppi ta' dokumenti li ġejjin billi tikklikkja fuq il-links ta' hawn taħt.
Jekk dħalt fis-sistema bħala utent reġistrat, tista' toħloq ukoll l-allerti tiegħek stess għal dokumenti u proċeduri. Għal aktar informazzjoni, ara L-allerti RSS tiegħi.


- 1 - Il-leġiżlazzjoni kollha tal-Parlament u l-Kunsill
- 2 - Il-każistika kollha tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
- 3 - Il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja
- 4 - Il-proposti tal-Kummissjoni u dokumenti relatati
- 5 - Acts of the Official Journal L
- 6 - Acts of the Official Journal C

Ibbrawżja skont l-istituzzjonijiet tal-UE

Tista' tibbrawżja dokumenti skont l-istituzzjonijiet li adottawhom:

- Il-Parlament Ewropew
- Il-Kunsill Ewropew
- Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
- Il-Kummissjoni Ewropea
- Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
- Il-Bank Ċentrali Ewropew
- Il-Qorti tal-Awdituri
- Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
- Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni.

Fil-paġna ewlenija, ikklikkja Ibbrawżja skont l-istituzzjonijiet tal-UE u mbagħad agħżel istituzzjoni.
Skont l-istituzzjoni, tista' tibbrawżja dokumenti skont it-tipi tagħhom (eż. regolamenti jew sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja) u/jew is-snin.
In-numri blu jindikaw kemm hemm dokumenti disponibbli għal kull kategorija. Meta tikklikkja numru tittieħed għal paġna tar-riżultati bid-dokumenti kollha li jaqblu mal-għażla tiegħek.




- 2013 337
- 2012 266

Il-Bank Ċentrali Ewropew

Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu taqsima speċifika b'għodod tat-tfittxija ppersonalizzati:


- **Tfittxija rapida fid-dokumenti tal-BĊE** tillimita r-riżultati għad-dokumenti mill-BĊE jew mill-Istitut Monetarju Ewropew u għall-każistika rilevanti.
- It-**Tfittxija avvanzata** tidderiġik mill-ġdid lejn tfittxija avvanzata ddedikata biss għal dokumenti ta' din it-taqsima speċifika.
- **Ibbrawżja skont is-suġġett** jippermettilek tibbrawżja d-dokumenti skont l-iskema ta' klassifikazzjoni użata mill-BĊE.
- **Sib dokument** u **Sib kawża fil-qorti** jgħinuk issib dokumenti u każistika tal-BĊE rilevanti għall-BĊE skont is-sena, in-numru u t-tip.
- Il-kaxxa **Navigazzjoni viżwali** tipprovdi statistika dwar id-dokumenti tal-BĊE. Hija tidderiġik mill-ġdid lejn paġna fejn tista' tibbrawżja d-dokumenti tal-BĊE skont is-sena, it-tip ta' att legali jew is-suġġett. Tista' tikklikkja l-bars fil-grafika, li mbagħad jidderiġuk mill-ġdid lejn il-paġni tar-riżultati relatati.
- **Ippubblikati dan l-aħħar** jipprovdi aċċess rapidu għad-dokumenti reċenti tal-BĊE ppubblikati fil-EUR-Lex.

It-taqsima tal-BĊE fiha wkoll paġni ddedikati għas-superviżjoni bankarja Ewropea u għal-liġi primarja relatata mal-BĊE.



Ibbrawżja skont il-EuroVoc

Il-EuroVoc huwa teżawru disponibbli b'diversi lingwi li jkopri firxa wiesgħa ta' oqsma relatati mal-attivitajiet tal-UE (eż. liġi, finanzi, kummerċ). Jintuża biex jiddeskrivi u jelenka d-dokumenti fil-EUR-Lex u jtejjeb l-aċċess għal-leġiżlazzjoni. Huwa maqsum f'21 dominju u 127 subdominju.
Biex tibbrawżja d-dokumenti bl-użu tal-kliem ewlieni tal-EuroVoc, mur fil-paġna ewlenija tal-EUR-Lex u kklikkja Ibbrawżja skont il-EuroVoc.
Biex iddejjaq it-tfittxija tiegħek, ikklikkja fuq l-ikoni +.



L-akronimu "NT" qabel kelma ewlenija jfisser "narrower term". Dan huwa segwit minn numru li jgħin biex tiġi identifikata l-ġerarkija bejn is-subdominji tal-EuroVoc.
Biex taċċessa dokumenti referenzjati taħt dominju/subdominju, ikklikkja **fittex** ħdejn l-isem.

Lista tar-riżultati

It-tfittxija tiegħek se tirriżulta f'paġna waħda jew aktar li jelenkaw id-dokumenti jew il-proċeduri. In-numru ta' riżultati huwa indikat fin-naħa ta' fuq tal-paġna.
Il-EUR-Lex juża sistema biex id-dokumenti popolari u importanti jsiru aktar viżibbli. Dawn huma enfasizzati f'qafas blu fuq il-lista tar-riżultati (b'massimu ta' 10 oġġetti enfasizzati).
B'mod awtomatiku, kull riżultat jikkonsisti f'dan li ġej:
Għad-dokumenti:

- titolu li jista' jiġi kklikkjat li jwasslek għall-paġna relatata tad-dokument fil-lingwa tat-tfittxija
- ir-referenza tal-pubblikazzjoni (eż. ĠU L 130, 25/05/1994, p.43-63) bil-lingwi disponibbli
- jekk rilevanti, l-istatus tad-dokument (eż. "fis-seħħ")
- l-identifikatur (numru CELEX, eż. 31994D0295)
- l-awtur
- id-data tad-dokument
- jekk rilevanti, link għall-verżjoni kkonsolidata attwali
- ikoni li jistgħu jiġu kklikkjati li jwassluk għall-verżjoni pdf jew html tad-dokument.

Għall-proċeduri:

- titolu li jista' jiġi kklikkjat li jwasslek għall-paġna relatata tal-proċedura fuq il-EUR-Lex fil-lingwa tat-tfittxija
- ir-referenza tal-att li jagħti bidu għall-proċedura (eż. COM (2013) 531)
- id-dokument li jagħti bidu (normalment numru CELEX b'link eż. 52013PC0531)
- l-atti addottati - jekk ikun hemm (normalment numru CELEX b'link)
- l-istatus tal-proċedura (eż. "għaddejja").

Tista' tuża l-paġna tar-riżultati biex:

- tirfina l-mistoqsija tat-tfittxija tiegħek (iffiltra) skont il-kelma ewlenija, il-ġabra, is-sena tad-dokument, l-awtur, eċċ.
- teditja t-tfittxija tiegħek
-

tibdel l-informazzjoni murija dwar id-dokument jew il-proċeduri (“Ippersonalizza l-informazzjoni li qed tidher”)

- tibdel l-ordni tal-issortjar tal-lista billi tuża d-dropdown menus
- tesporta r-riżultati tat-tiftix kollha jew għażla minnhom. Dan se jagħti lura l-informazzjoni magħżula f’diversi formati (PDF, XML, Excel, TSC, CSV). Id-daqs tal-file tal-esportazzjoni huwa limitat għal 5 MB għall-utenti mhux irreġistrati.

bħala utenti rreġistrati:


- issejvja l-kriterji tat-tfittxijiet tiegħek (“Issejvja t-tfittxijiet tiegħi”)
- oħloq notifiki ta’ allert (“Oħloq f'L-allerti tiegħi (RSS feeds)”)
- issejvja u organizza d-dokumenti f’folders (“Issejvja f’L-oġġetti tiegħi”)

Sib aktar għajnuna:

Irfina t-tfittxija tiegħek
Editja t-tfittxija tiegħek
Ippersonalizza l-lista tar-riżultati
Esporta r-riżultati

Irfina t-tfittxija tiegħek

Il-filtri fuq in-naħa tax-xellug tal-paġna tar-riżultati jgħinuk tnaqqas ir-riżultati tat-tfittxija tiegħek.



Il-filtri huma rranġati skont il-kategorija.

Għal kull filtru, in-numru ta' riżultati relatati jintwera fil-parentesi. B'mod ġenerali, il-filtri jitpoġġew fl-ordni skont in-numru ta' riżultati relatati f'ordni dixxendenti (il-filtri bl-ogħla numri huma elenkati l-ewwel).

Jintwerew biss il-filtri li jagħtu l-ogħla numru ta' riżultati relatati.

Meta tikklikkja filtru:
il-lista tar-riżultati tiġi aġġornata u turi biss dawk ir-riżultati li jikkorrispondu mal-kriterju l-ġdid li għażilt

il-kriterju l-ġdid jiżdied mal-kaxxa tal-kriterji Fittex fuq il-lista tar-riżultati

il-filtri kollha li għażilt jiġu elenkati fin-naħa ta' fuq tal-lista tal-filtri taħt l-intestatura "Int għażilt"

jekk tissejvja t-tfittxija f'dan il-punt, se tiġi ssejvjata fil-forma l-ġdida, billi jitqiesu l-filtri li tkun għażilt.

Tista' tagħżel aktar minn filtru wieħed. Aktar filtri jfissru inqas riżultati li jkunu aktar immirati.

Biex terġa' twessa' t-tfittxija tiegħek, neħħi l-filtri taħt l-intestatura "Int għażilt" billi tikklikkja s-salib (x).



Xi filtri għandhom sublivelli.
Pereżempju, meta tikklikkja sena taħt “Skont is-sena tad-dokument”, jintwera l-livell li jmiss (xhur). “Skont il-kodiċi tad-direttorju” u “Skont il-EuroVoc” jaħdmu bl-istess mod.
Ladarba tilħaq l-aktar livell baxx ta’ filtru, dan jisparixxi mil-lista tal-filtri. Biex terġa' titla fil-livell ta’ fuq nett, ikklikkja l-filtru/i korrispondenti taħt “Int għażilt”.


Editja t-tiftixa tiegħek

Huma disponibbli opzjonijiet differenti ta' editjar ibbażati fuq it-tip ta' tfittxija li wettaqt.

Editja tiftixa rapida

It-tiftixa rapida dejjem tibqa' fin-naħa ta' fuq ta' kwalunkwe paġna tal-EUR-Lex u turi t-termini tal-aħħar mistoqsija tiegħek, sabiex tkun tista' teditjahom faċilment direttament fil-kaxxa tat-tfittxija.
Jekk inti lloggjat, ikklikkja **Editja fit-tiftixa esperta** biex tittrasforma t-tfittxija rapida tiegħek fi tfittxija esperta u ppersonalizza l-għażliet tat-tfittxija tiegħek.
Kif teditja f'tiftixa esperta

Editja tfittxija avvanzata



Fil-kaxxa **Kriterji ta' tiftix** fuq il-lista ta' riżultati, ikklikkja **Editja t-tiftixa** biex tmur lura għall-formola u tbiddel il-kriterji tat-tfittxija oriġinali tiegħek. Jekk inti lloggjat, ikklikkja **Editja fit-tiftixa esperta** biex tittrasforma t-tfittxija avvanzata tiegħek fi tfittxija esperta u taċċessa għażliet addizzjonali għat-tfittxija.
Kif teditja f'tiftixa esperta

Uża s-suġġerimenti

Jekk it-tfittxija tiegħek ma tagħti l-ebda riżultat, u s-sistema taħseb li ħadt żball fil-mod kif ktibt it-terminu, hi se tissuġġerilek alternattiva taħt il-kaxxa **Kriterji ta' tiftix**.


Ikklikkja t-terminu suġġerit jekk hu dak li ridt tfittex għalih.

Ippersonalizza l-lista tar-riżultati

Il-lista tar-riżultati għandha format prestabbilit.
Tista' tippersonalizza kif tidher il-lista wara li tkun wettaqt tfittxija, mingħajr ma jkollok għalfejn tilloggja.
Ladarba tkun illoggjajt, tista' tagħmel il-bidliet permanenti permezz ta' **Preferenzi** > **Preferenzi tat-tfittxija**.
Aqra aktar dwar kif tistabbilixxi l-preferenzi tat-tiftix tiegħek.

Ibdel l-informazzjoni murija fil-lista tar-riżultati

1. Ikklikkja **Ippersonalizza l-informazzjoni li qed tidher** eżatt fuq l-ewwel riżultat.



2. Jekk diġà ħloqt xi profili speċifiċi (għal utenti rreġistrati biss), tista' tagħżel wieħed minnhom.
   Jekk le, il-profil standard jintgħażel awtomatikament.
3. Agħżel l-informazzjoni li tixtieq tara billi tagħżel il-kaxxi korrispondenti. Dawn se jiżdiedu wkoll mar-riżultati meta tipprintjahom, tissejvjahom jew tesportahom.
   Xi informazzjoni ma tistax titneħħa mll-għażla, inklużi t-titoli u n-numri Celex.
4. Ikklikkja **Applika** fil-qiegħ tat-tieqa. It-tibdiliet tiegħek MHUX se jiġu ssejvjati jekk tikklikkja barra t-tieqa u tirritorna għal-lista tar-riżultati.

Il-konfigurazzjonijiet issejvjati fil-kaxxa ta' djalogu ta' **Ippersonalizza l-informazzjoni li qed tidher** japplikaw għas-sessjoni kollha tiegħek. Dan jinkludi l-għadd ta' riżultati għal kull paġna, il-metadata li għandha tintwera u l-possibbiltà li jiġu enfasizzati t-termini mfittxija fil-lista tar-riżultati.

Jekk għamilt tfittxija esperta, hemm aktar għażliet disponibbli f'din il-kaxxa tad-djalogu: l-ikklassifikar u l-ordni tal-għażliet, il-ftuħ tal-paġna tar-riżultati tat-**Tiftixa esperta** f'tieqa ġdida, il-funzjonalità taż-zoom (numru ta' kliem).

Issortja r-riżultati tat-tfittxija – "Issortja skont"

Tista' tagħżel il-kriterji tal-issortjar tiegħek fil-menu **Issortja skont**. B'mod awtomatiku, ir-riżultati jiġu ssortjati f'ordni ta' rilevanza, mill-iktar rilevanti sal-inqas rilevanti.
Kriterji disponibbli tal-issortjar:

- Rilevanza: Id-dokumenti huma rranġati skont ir-rilevanza tagħhom, l-aktar minn perspettiva legali. Huma jinqasmu fi **3 gruppi**. Dokument li jappartjeni għall-ewwel grupp jintwera qabel dawk tat-tieni u t-tielet gruppi. Hemm regoli addizzjonali. L-għan aħħari huwa li jintlaħqu l-biċċa l-kbira tal-aspettattivi tal-utenti.
  - **Grupp 1** jinkludi regolamenti, direttivi u deċiżjonijiet fis-seħħ adottati mill-Kunsill (u) jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kummissjoni; testi kompleti tat-Trattati mill-2012.
  - **Grupp 2** jinkludi leġiżlazzjoni, ftehimiet internazzjonali, atti preparatorji, każistika tal-UE, dokumenti tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles u testi sħaħ tat-Trattati mhux inklużi fil-grupp 1.
  - **Grupp 3** jinkludi r-rettifiki u d-dokumenti l-oħra kollha mhux inklużi fil-gruppi 1 u 2.


  Il-lista ta' dokumenti f'kull grupp tista' tkun soġġetta għal reviżjoni perjodika.
- Titolu tad-dokument: Id-dokumenti huma ssortjati skont it-titoli tagħhom f'ordni alfabetiku.
- Identifikatur tad-dokument: Id-dokumenti huma rranġati skont l-identifikatur CELEX tagħhom. Aktar dwar is-CELEX
- Data tad-dokument: Id-dokumenti huma rranġati skont id-data tad-dokument – normalment id-dati preżenti fit-titolu.

Tista' tispeċifika jekk tridx li l-kriterji ta' hawn fuq jiġu applikati f'ordni dixxendenti jew axxendenti.
Jekk diversi riżultati jikkorrispondu eżattament għat-tfittxija tiegħek, dawn jiġu elenkati skont in-numru CELEX – id-dokumenti bl-iżgħar numru CELEX jiġu l-ewwel.
Il-kriterji tal-issortjar disponibbli jvarjaw skont it-tip ta' tfittxija (rapida, avvanzata jew esperta) u l-ġabra li għażilt fit-tfittxija avvanzata.
Jekk int **illoggjat**, tista' timmodifika wkoll il-konfigurazzjonijiet awtomatiċi taħt il-**Preferenzi tat-tiftix** fil-kont tiegħek.


Aqra aktar dwar kif tistabbilixxi l-preferenzi tat-tiftix tiegħek u dwar kif tirreġistra.

Esporta l-lista tar-riżultati

1. Agħżel ir-riżultati li tixtieq tesporta billi tagħżel il-kaxxi korrispondenti qabel kull titolu.
2. Tista' wkoll tesporta l-lista sħiħa tar-riżultati billi tikklikkja l-buttuna **Esporta**, imbagħad **Esporta kollox**.



3. Agħżel il-format tal-esportazzjoni.
4. Formati ta' esportazzjoni disponibbli: CSV, TSV, Microsoft Excel, XML u PDF.



3. Agħżel l-informazzjoni (metadata) li tixtieq tinkludi fl-esportazzjoni tiegħek.
   - It-tab **Għażla sempliċi** fiha għażla tal-aktar metadata komuni.
   - It-tab **Għażla avvanzata** tippermettilek tagħżel mill-metadata disponibbli kollha.
4. Ikklikkja **Esporta**.

Il-file se jiddawnlowdja jew jiftaħ awtomatikament skont is-sistema operattiva u l-browser tiegħek. Dan juri t-titli u l-metadata tar-riżultati esportati. Jekk tesporta r-riżultati tiegħek f'file PDF, tista' tikklikkja t-titli u se ttieħed lejn id-dokumenti relatati fuq il-EUR-Lex.
Tista' tesporta sa 100 dokument. Jekk tkun illoggjat, tista' tesporta sa 5 MB ta' data fil-format CSV.

Oħloq kont

EUR-Lex Tiegħi huwa l-ispazju personali tiegħek fil-EUR-Lex, fejn tista' taċċessa aktar funzjonalitajiet minn utent mhux irreġistrat.
Tista':

- tissejvja d-**dokumenti**
- tissejvja t-**tfittxijiet**
- tuża l-**RSS feeds** biex tibqa' infurmat dwar kwalunkwe pubblikazzjoni ġdida dwar suġġett magħżul
- **tesporta** għadd kbir ta' dokumenti.
- tissettja **preferenzi personali**, inkluża dehra multilingwi predefinita bil-lingwi preferuti tiegħek
- għall-utenti tas-servizz web, jiġġeneraw awtomatikament l-**input tas-servizz web**, imsejjaħ it-"template tas-servizz web", li **jikkorrispondi għal tfittxija** fuq is-sit web.

Biex tirreġistra, se tintalab toħloq Kont tal-EU Login .
Meta tirreġistra, taċċessa l-ispazju personali tiegħek billi tikklikkja "**EUR-Lex Tiegħi**" fir-rokna ta' fuq tal-lemin ta' kwalunkwe paġna tal-EUR-Lex.

Preferenzi

Bħala utent reġistrat tista’ tiddefinixxi l-preferenzi tal-wiri tiegħek għas-sit web u r-riżultati tat-tfittxija tiegħek.
Ladarba tilloggja, ikklikkja ismek li jkun qed jidher fir-rokna ta’ fuq tal-lemin. Imbagħad agħżel **Preferenzi** biex:

- taċċessa l-kont personali tiegħek
- taġġorna l-preferenzi tas-sit tiegħek
- taġġorna l-preferenzi tat-tfittxija tiegħek.

Fil-kont personali tiegħek, tista’ tara l-informazzjoni dwar il-kont tal-utent tiegħek (isem l-utent, kunjom, isem u indirizz tal-email). Biex taġġorna din id-data, ikklikkja l-EU Login u segwi l-istruzzjonijiet fuq is-sit web tal-**EU Login**.
Biex tara t-tibdiliet tiegħek, trid toħroġ mill-EUR-Lex u terġa' tilloggja mill-ġdid.

L-għażliet tal-wiri huma elenkati fit-tabella ta’ hawn taħt.
Wara li tissettja l-preferenzi tiegħek, tinsiex tikklikkja **Issejvja** fin-naħa t’isfel tal-iskrin biex tattivahom.

Lingwa li tippreferi	Lingwa default għall-wiri għad-dokumenti (*jekk disponibbli*).
Lingwa alternattiva	Lingwa alternattiva għall-wiri ta’ kwalunkwe dokument mhux disponibbli bil-lingwa li tippreferi tiegħek (*jekk disponibbli*).
It-tieni lingwa alternattiva	It-tieni lingwa alternattiva għall-wiri għal kwalunkwe dokument mhux disponibbli bil-lingwa li tippreferi jew bil-lingwa alternattiva tiegħek (*jekk disponibbli*).
L-aħħar ħarġiet tal-Ġurnal Uffiċjali	Uri l-Ġurnali Uffiċjali mill-ġimgħa li għaddiet, l-aħħar ġimagħtejn jew l-aħħar xahar.
Tab li tippreferi biex tara d-dokument	Stabbilixxi d-dehra li tintwera kull darba li tiftaħ dokument. Tista' tagħżel minn: Test, Informazzjoni dwar id-dokument, u (fejn disponibbli) Proċedura, Sommarju tad-Dokument jew Proċedura interna

Uri display multilingwi fid-dehra tad-dokument	Aħbi jew uri t-taqsima “Dehra multilingwi” meta tara d-dokumenti.
Uri l-lingwi u l-formati disponibbli fid-dehra tad-dokument	Aħbi jew uri t-taqsima “Lingwi, formati u links għall-ĠU” meta tara d-dokumenti.
Attiva l-awtokompletar	Jekk timmarka l-kaxxa, titla’ lista ta’ suġġerimenti waqt li tkun qed tikteb kelma għat-tfittxija.
Attiva l-għajnuna kuntestwali	Jekk timmarka l-kaxxa, jidher test ta’ għajnuna qasir meta tmur bil-mouse fuq kriterju tat-tfittxija.
Uża links tal-ELI (data.europa.eu) kull meta jkun possibbli	Jekk timmarka l-kaxxa, il-links għad-dokumenti se jużaw il-URI tal-ELI minflok ir-referenza tal-pubblikazzjoni jew in-numru CELEX.

Fit-Taqsima “Preferenzi tat-Tfittxija”, tista’ tippersonalizza kif jintwerew ir-riżultati tat-tfittxija tiegħek billi taġġorna profil eżistenti jew toħloq oħrajn ġodda (ikklikkja **Żid ġdid**). Tista’ taqleb minn profil għal ieħor kull meta tixtieq.
Wara li tissettja l-preferenzi tiegħek, ikklikkja **Issejvja** – jew **Issejvja u ssettja bħala default** , jekk trid li l-profil il-ġdid jintuża awtomatikament. Il-profil il-ġdid jidher fil-lista tal-profili.
Fil-lista tal-profili, tista’ tissettja liema profil se jkun dak default billi tikklikkja **Issettja dan bħala default**. Tista’ wkoll tħassar profili li m’għadx għandek bżonn. Jekk ikun hemm profil wieħed biss fil-lista, dan ma jistax jitħassar.
Il-karatteristiċi ta’ tfittxija possibbli li tista’ tippersonalizza huma elenkati fit-tabella ta’ hawn taħt.

Isem tal-profil	Dan għandu jkun isem uniku. Ma jistax ikun wieħed diġà użat għal profil eżistenti.
Għadd ta’ riżultati għal kull paġna	Issettja kemm trid li jintwerew riżultati f’kull paġna (5, 10 jew 20).
Kriterji tal-issortjar default	Issettja kif jiġu kklassifikati r-riżultati tat-tfittxija: ▪ skont ir-Rilevanza, it-Titolu tad-dokument, l-Identifikatur tad-dokument, it-Tip ta’ dokument, id-Data tad-dokument, l-Awtur, is-settur Celex ▪ f’ordni axxendenti jew dixxendenti Billi tikklikkja **Aktar**, tista’ żżid it-tieni kriterju ta’ ssortjar default. Tista’ wkoll tissettja għud minn dawn il-kriterji fil-paġna tar-riżultati tat-tfittxija.
Iħħajlajtja t-termini tat-tfittxija fir-riżultati	Jekk timmarka l-kaxxa, it-termini li qed tfittex jiġu enfasizzati bil-blu fil-lista tar-riżultati.
Attiva l-link għal dehra multilingwi	Jekk timmarka l-kaxxa, taħt kull riżultat tat-tfittxija, se jkun hemm link diretta għall-wiri multilingwi għad-dokument. Tista’ tissettja t-3 lingwi li se jintwerew b’mod awtomatiku.
	Issettja l-metadata li se tintwera fir-riżultati tat-tfittxija tiegħek. Tista' tagħżel il-metadata individwalment (kaxxa tal-immarkar ħdejn kull element) jew fi grupp (kaxxa tal-immarkar ħdejn isem il-grupp).

Metadata biex tintwera	L-istruttura tal-**Għażla sempliċi** fiha għadd żgħir ta' metadata komuni. Jekk tixtieq tagħżel mill-metadata kollha disponibbli, fittex taħt **Għażla avvanzata**. Xi metadata ma tistax tikklikkjaha: tintwera awtomatikament u ma tistax titneħħa.

L-oġġetti tiegħi


Meta tilloggja, din il-karatteristika tippermettilek toħloq u timmaniġġja l-folders (**L-oġġetti tiegħi**) fejn tista' tissejvja u tixxerja d-dokumenti jew il-proċeduri magħżulin.




Fil-menù dropdown f'**Il-EUR-Lex tiegħi**, in-numru fil-parentesi juri kemm għandek oġġetti ssejvjati. Tista' tagħti isem lil folder, iżżid "oġġetti" fl-istess folder jew toħloq oħrajn ġodda, pereżempju fuq suġġett differenti.
Hawn taħt issib deskrizzjoni dettaljata pass pass dwar azzjonijiet differenti li tista' twettaq b'din il-karatteristika.


Tista' żżid oġġetti jew mil-lista tar-riżultati tat-tfittxija jew mill-oġġett stess.

1. Fil-lista tar-riżultati tat-tfittxija, agħżel oġġett wieħed jew aktar billi timmarka l-kaxxa fuq ix-xellug tat-titlu tal-oġġett u mbagħad, taħt **Kriterji tat-tfittxija**, ikklikkja **Issejvja fil-"L-oġġetti tiegħi"**.



Fil-paġna tad-dokument jew il-paġna tal-proċedura, ikklikkja **Issejvja fil-"L-oġġetti tiegħi"** fil-menù tan-naħa tax-xellug.





2. Tinfetaħ tieqa li tistaqsik f'liema folder tixtieq tissejvja l-oġġett. Tista' tagħżel bejn:
   - **Oħloq folder ġdid** (ismu ma jistax ikun l-istess bħal ieħor li qed jintuża għal folder eżistenti). Tista' ddaħħal kumment fil-qasam korrispondenti.
   - Il-folder default.
   - Folder eżistenti.
3. Ikklikkja **Issejvja** biex tikkonferma.



Tista’ tissejvja sa 100 oġġett fil-**EUR Lex tiegħi**. Meta tilħaq dan il-limitu, ikollok tħassar xi oġġetti biex tagħmel spazju għal oħrajn ġodda.
Tista’ tħassar oġġetti speċifiċi f’folder, jew folders sħaħ bil-kontenut tagħhom.
Immarka l-kaxxa ħdejn l-oġġetti tal-folders li tixtieq tħassar. Jekk tixtieq tħassar l-oġġetti kollha f’folder jew il-folders kollha tiegħek, ikklikkja **Agħżel kollox**.
Imbagħad ikklikkja **Ħassar l-oġġetti magħżulin**. Ikkonferma l-għażla tiegħek billi tikklikkja **Ħassar**.
Jekk il-JavaScript ma jkunx attivat fil-browser tiegħek, ma tkunx tista’ tħassar oġġetti jew folders multipli billi tuża l-kaxxi tal-immarkar.

Tista’ tibgħat email bil-links għall-oġġetti ssejvjati fil-folders tiegħek lil nies oħra.

1. Agħżel l-oġġetti li tixtieq tibgħat.
2. Ikklikkja **Ibgħat dak li hu magħżul bl-email**.
3. Tinfetaħ email ġdida b’links għall-oġġetti li għażilt.

Tista’ tesporta l-oġġetti tiegħek fil-formati li ġejjin: PDF, CSV, TSV, Excel, XML.

1. Agħżel l-oġġetti li tixtieq tesporta.
2. Ikklikkja l-buttuna **Esporta** u mbagħad agħżel **Esporta l-għażla**.
3. Jekk tixtieq tesporta l-oġġetti kollha tiegħek, ikklikkja l-buttuna **Esporta** u mbagħad agħżel **Esporta kollox**.
4. Agħżel il-metadata li tixtieq li tintwera u l-format tal-esportazzjoni.

5. Ikklikkja l-buttuna **Esporta**.

Għal kull oġġett issejvjat, tista' tipprintja t-test u l-metadata.

1. Ikklikkja l-ikona **Ipprintja** ħdejn l-oġġett li tixtieq tipprintja. Imbagħad, agħżel il-metadata li tixtieq tara fil-printout tiegħek, u l-format tal-ipprintjar (HTML jew PDF).
2. Ikklikkja l-buttuna **Ipprintja** biex tikkonferma l-għażliet tiegħek.
3. Jintwera test lest għall-ipprintjar. Tista' tipprintjah billi tuża l-menù tal-browser tiegħek.



Tista' toħloq tfittxija għal kwalunkwe wieħed mill-oġġetti ssejvjati tiegħek.

1. Ikklikkja l-ikona **Oħloq tfittxija għall-folder** .
2. Speċifika isem uniku (obbligatorju) u kumment (fakultattiv) għat-tfittxija.
3. Ikklikkja **Issejvja** u mal-lista se tiżdied tfittxija ġdida fi "*It-Tfittxijiet Tiegħi/It-tfittxijiet issejvjati tiegħi*".

Din it-tfittxija se tagħti lura l-oġġetti li kienu fil-folder fiż-żmien meta ħloqt it-tfittxija. Jekk iżżid oġġetti mal-folder aktar 'il quddiem, dawn ma jiġux miżjuda ma' din it-tfittxija.
Din il-karatteristika tista' tkun utli, pereżempju, jekk teħtieġ/tixtieq tħassar sett ta' oġġetti iżda jista' jkun li jkollok bżonn tirreferi għal dan is-sett fil-futur. Ladarba tissejvja s-sett ta' oġġetti bħala tfittxija, tista' terġa' tniedi t-tfittxija u tirkupra l-oġġetti fi kwalunkwe ħin.
In-numru ta' tfittxijiet li tista' tissejvja fil-**EUR-Lex tiegħi** huwa limitat għal 50. Meta tilħaq dan il-limitu, ikollok tħassar xi oġġetti biex tagħmel spazju għal oħrajn ġodda.
Fil-pass ta' wara, tista' toħloq RSS feeds personalizzati biex iżżomm ruħek infurmat bi kwalunkwe tibdil li jsir f'dawn l-oġġetti.
Kif toħloq allert (RSS feed) għat-tfittxijiet issejvjati tiegħek.




Tista' teditja l-isem tal-folders tiegħek u tagħmel jew tbiddel il-kummenti dwarhom:


1. Ikklikkja l-ikona **Editja l-informazzjoni tal-folder** ħdejn il-folder li tixtieq teditja.
2. Ittajpja kwalunkwe bidla fl-oqsma *Isem* u/jew *Kumment* u kklikkja **Issejvja**.

It-tfittxijiet tiegħi

“It-tfittxijiet tiegħi” huwa mod rapidu biex tirrepeti t-tfittxijiet li diġà għamilt, mingħajr il-bżonn li terġa’ ddaħħal il-kriterji tat-tfittxijiet.
Kull tfittxija li tagħmel waqt sessjoni fuq il-EUR-Lex tiġi ssejvjata, anki jekk ma tkunx illoggjat.
Tista’ ssib it-tfittxijiet reċenti tiegħek billi tikklikkja **EUR-Lex tiegħi** u mbagħad **It-tfittxijiet reċenti tiegħi**.




It-tfittxijiet reċenti tiegħek kollha huma elenkati flimkien ma’ informazzjoni bħal: tip ta’ tfittxija (rapida/avvanzata/esperta), dominju/subdominju, data u ħin, lingwa, numru ta’ riżultati.
Jekk it-tfittxija tiegħek kienet avvanzata jew tfittxija esperta, tista’ teditjaha billi tikklikkja l-ikona tal-lapes .
Tista’ terġa’ tagħmel it-tfittxijiet reċenti tiegħek billi tikklikkja l-ikona tal-lenti . Peress li l-EUR-Lex jiġi aġġornat ta’ spiss b’dokumenti ġodda, meta terġa’ tagħmel tfittxija, ir-riżultati jistgħu jkunu differenti minn tfittxijiet preċedenti bl-użu ta’ dawn il-kriterji.
U jekk tkun illoggjat, tista’ tissejvja t-tfittxijiet reċenti tiegħek billi tikklikkja l-ikona **Issejvja** .
Il-vantaġġ ta’ dan huwa li tista’ tagħti isem sinifikanti lil kull tfittxija, biex jgħinek tagħżilha mil-lista b’mod aktar faċli – speċjalment utli għat-tfittxijiet li hemm mnejn tagħmel ripetutament.




Tista’ tissejvja tfittxijiet jew minn “It-tfittxijiet reċenti tiegħi” jew mill-paġna tar-riżultati tat-tiftixa.

Issejvja t-tfittxijiet tiegħek minn “It-tfittxijiet reċenti tiegħi”

1. Sib it-tfittxija li tixtieq tissejvja u kklikkja l-ikona **Issejvja** .




2. Fit-tieqa li tinfetaħ, ittajpja isem uniku għat-tfittxija (obbligatorju) u kwalunkwe kumment (fakultattiv).




- Ikklikkja **Issejvja**.
- It-tfittxija tiġi ssejvjata u tidher fi “It-tfittxijiet issejvjati tiegħi .


Issejvja t-tfittxijiet tiegħek mill-paġna tar-riżultati tat-tfittxija

1. Fil-paġna tar-riżultati tat-tfittxija, ikklikkja Issejvja fuq **It-tfittxijiet tiegħi** fin-naħa ta’ fuq tal-paġna.



2. Fit-tieqa li tinfetaħ, ittajpja isem uniku għat-tfittxija tiegħek (obbligatorju) u kwalunkwe kumment (fakultattiv).






3 Ikklikkja **Issejvja**.

4 It-tfittxija hi ssejvjata.

.

Aċċessa u mmaniġġja t-tfittxijiet issejvjati tiegħek

Tista' taċċessa t-tfittxijiet issejvjati tiegħek biss jekk int utent reġistrat u lloggjajt. Ikklikkja **It-tfittxijiet issejvjati tiegħi**.



It-tfittxijiet issejvjati kollha tiegħek huma elenkati flimkien ma' informazzjoni bħat-tip ta' tfittxija (rapida/avvanzata/esperta), dominju/subdominju, lingwa, ambitu tat-tfittxija, numru ta' riżultati, data u ħin.

Editja t-tfittxijiet issejvjati tiegħek

Jekk it-tfittxija tiegħek kienet avvanzata jew tfittxija esperta, tista' teditjaha billi tikklikkja l-ikona tal-lapes . Ma tistax teditja tfittxija mwettqa billi tuża t-Tfittxija rapida.

Tista' tbiddel l-isem u l-kumment għat-tfittxija ssejvjata tiegħek billi tikklikkja t-tieni ikona tal-lapes .

Erġa' wettaq it-tfittxijiet issejvjat tiegħek

Tista' terġa' twettaq it-tfittxijiet issejvjati tiegħek billi tikklikkja l-ikona tal-**lenti** . Peress li l-EUR-Lex hu aġġornat b'dokumenti ġodda kuljum, meta terġa' tagħmel tfittxija, ir-riżultati jistgħu jkunu differenti mit-tfittxijiet preċedenti bl-istess kriterji.

Oħloq allerti (RSS feeds) mit-tfittxijiet issejvjati tiegħek

Tista' toħloq ukoll allerti personalizzati (RSS feeds) ibbażati fuq tfittxija ssejvjata.

Ħassar tfittxijiet issejvjati

In-numru ta' tfittxijiet li tista' tissejvja huwa limitat għal 50. Jista' jkollok bżonn tħassar tfittxijiet antiki biex tagħmel spazju għal oħrajn ġodda.


Immarka t-tfittxijiet li trid tħassar billi timmarka l-kaxex tal-immarkar relatati, jew ikklikkja **Agħżel kollox**. Ikklikkja **Ħassar l-għażla** u fit-tieqa li tinfetaħ ikklikkja **Ħassar**.



Jekk il-JavaScript ma jkunx attivat fil-browser tiegħek, ma tkunx tista' tħassar oġġetti multipli billi tuża l-kaxxi tal-immarkar. Ikollok tħassar kull oġġett individwalment.

Tista' tikkombina t-tfittxijiet issejvjati u reċenti tiegħek biex toħloq tfittxija ġdida.

Iżda tista' tikkombina biss tfittxijiet tal-**istess tip**: jiġifieri tfittxijiet rapidi biss, tfittxijiet avvanzati biss jew tfittxijiet esperti biss, u kollha bl-**istess lingwa**.



Fil-qasam "Tfittxija kombinata", oħloq tfittxija billi tikkombina identifikaturi multipli tat-tfittxija ("Id" fl-ewwel kolonna ta' "It-tfittxijiet issejvjati tiegħi" u "It-tfittxijiet reċenti tiegħi") ma' wieħed mit-3 operaturi AND, OR jew NOT.

L-operaturi tat-tfittxija jiġu evalwati fl-ordni li ġejja: NOT → AND → OR.

Eżempji

1 AND 2 OR 3 → is-sistema l-ewwel tiċċekkja 1 AND 2 u mbagħad il-kundizzjoni OR 3.

1 AND 2 NOT 3 → is-sistema l-ewwel tiċċekkja 2 NOT 3 u mbagħad il-kundizzjoni 1 AND.
Tista' tbiddel din l-ordni ta' preċedenza permezz tal-parentesi.

Eżempji

(1 AND 2) NOT 3 → is-sistema l-ewwel tiċċekkja 1 AND 2 u mbagħad il-kundizzjoni NOT 3.


Biex tara jekk it-tfittxija l-ġdida tiegħek taħdimx, ikklikkja **Iċċekkja s-sintassi**. Jekk is-sintassi hija korretta, tara l-messaġġ li-mistoqsija hija valida. Jekk is-sistema tidentifika problema, jintwera messaġġ ta' żball li jħeġġek tagħmel it-tibdiliet neċessarji.

Ikklikka **Fittex** u jintwerew ir-riżultati.

Ladarba tagħmel tfittxija kombinata, titqies bħala tfittxija esperta - jekk trid teditja t-tfittxija kombinata tiegħek aktar tard, tinfetaħ il-paġna tat-tfittxija esperta.

L-allerti bl-email tiegħi


Tista' tibqa' infurmat dwar pubblikazzjonijiet ġodda fuq l-EUR-Lex relatati ma' dokumenti u proċeduri billi toħloq allerti bl-email.
Biex tagħmel dan trid tkun utent irreġistrat u tkun dħalt fis-sistema.
Jekk għadek m'intix utent irreġistrat, ikklikkja fuq **EUR-Lex tiegħi** fir-rokna ta' fuq tal-lemin ta' kwalunkwe paġna tal-EUR-Lex, u mbagħad fuq **Irreġistra**. Se tittieħed lejn il-paġna tal-EU Login , fejn tkun tista' toħloq il-kont tiegħek.
Biex tidħol fis-sistema, ikklikkja fuq **EUR-Lex tiegħi** fir-rokna ta' fuq tal-lemin ta' kwalunkwe paġna tal-EUR-Lex u mbagħad ikklikkja fuq **Illoggja**. Daħħal il-kredenzjali tiegħek.



Bil-ħolqien ta' allerti bl-email fuq il-EUR-Lex tista' żżomm ruħek infurmat(a) dwar aġġornamenti ġodda b'rabta ma' dokumenti tal-UE bħal-leġiżlazzjoni, il-ftehimiet internazzjonali, id-dokumenti preparatorji, jew il-każistika.

1. Fil-paġna li turi d-dokument li jinteressak, ikklikkja fuq **Oħloq allert bl-email** fil-menu tax-xellug.





Jekk għadek ma dħaltx fis-sistema, is-sistema se titolbok tagħmel dan.

2. Fil-kaxxa li tinfetaħlek, agħti isem lill-allert bl-email tiegħek (obbligatorju), żid kumment (fakultattiv), u agħżel l-aġġornamenti li tixtieq tiġi infurmat(a) dwarhom:
   - modifiki għal dan id-dokument,
   - atti preparatorji sussegwenti li jibdlu d-dokument,
   - każistika li taffettwa d-dokument,
   - verżjonijiet konsolidati tad-dokument,
   - dokumenti li jsemmu d-dokument,
   - dokumenti li l-bażi legali tagħhom hija d-dokument (pereżempju atti ta' implimentazzjoni u atti delegati).

   B'mod awtomatiku, jiġu selezzjonati l-ewwel erba' għażliet.
3. Ikklikkja **Issejvja** biex toħloq l-allert bl-email.

Kull darba li l-EUR-Lex jippubblika dokument ġdid relatat mal-allert tiegħek, tirċievi email b'link għal dak id-dokument.
Is-sistema tgħodd kull allert li toħloq (allerti RSS u allerti bl-email) bħala tfittxija waħda ssejvjata u żżidha mal-għadd totali ta' tfittxijiet issejvjati fl-ispazju personali tiegħek. Jista' jkollok sa 50 tfittxija ssejvjata.
Tista' toħloq allerti bl-email biex iżżomm ruħek infurmat(a) dwar kwalunkwe aġġornament ġdid fil-EUR-Lex b'rabta ma' proċedura speċifika tat-tfassil tal-liġijiet.

1. Fil-paġna li turi l-proċedura li trid issegwi, ikklikkja fuq Oħloq allert bl-email fil-menu tax-xellug.





Jekk għadek ma dħaltx fis-sistema, is-sistema se titolbok tagħmel dan.


2. Fil-kaxxa li tinfetaħlek, agħti isem lill-allert bl-email tiegħek (obbligatorju) u żid kumment (fakultattiv)

3. Ikklikkja **Issejvja** biex toħloq l-allert bl-email.

Għal kull allert li jinħoloq, tiżdied tfittxija ssejvjata ma' "It-tfittxijiet issejvjati tiegħi".
Tista' żżid allerti ġodda, sa mhux aktar minn 50 (il-limitu għat-tfittxijiet issejvjati fis-sistema).
Kull darba li l-EUR-Lex jippubblika dokument ġdid relatat mal-allert tiegħek, tirċievi email b'link għal dak id-dokument.
Is-sistema tgħodd kull allert li toħloq (allerti RSS u allerti bl-email) bħala tfittxija waħda ssejvjata u żżidha mal-għadd totali ta' tfittxijiet issejvjati fl-ispazju personali tiegħek. Jista' jkollok sa 50 tfittxija ssejvjata.


1. Ikklikkja fuq **EUR-Lex tiegħi** fir-rokna ta' fuq tal-lemin ta' kwalunkwe paġna tal-EUR-Lex u mbagħad ikklikkja fuq **Illoggja**.

2. Ikklikkja fuq **L-allerti bl-email tiegħi**.



3. Hemm tabella li telenka l-allerti bl-email kollha tiegħek.

My email alerts



Għal kull allert bl-email, se tara dan li ġej.

- L-isem tal-allert bl-email. Ikklikkja biex turi d-dokument jew il-proċedura li fuqha huwa bbażat l-allert.
- Link imsejħa **Ara t-tfittxija** biex tara l-parametri tat-tfittxija marbuta mal-allert.
- Id-data u l-ħin tal-aħħar aġġornament tal-allert.
- Ikona tal-**editjar**. Ikklikkja biex tbiddel l-isem tal-allert bl-email, il-kumment fakultattiv u l-aġġornamenti li dwarhom tixtieq tiġi infurmat.

Tista' toħloq ukoll allerti billi tuża l-RSS feeds. Ara l-paġna ddedikata tagħna dwar l-RSS feeds għal aktar informazzjoni.

I-Unjoni Ewropea


EUR-Lex

Aċċess għal-liġi tal-Unjoni Ewropea

Dan id-dokument hu mislut mis-sit web tal-EUR-Lex

L-allerti RSS tiegħi


Tista' żżomm ruħek infurmat(a) dwar aġġornamenti ġodda fuq il-EUR-Lex b'rabta ma' dokumenti, proċeduri, jew tfittxijiet billi toħloq allerti RSS.
Biex tagħmel dan trid tkun utent irreġistrat u tkun dħalt fis-sistema.
Jekk għadek m'intix utent irreġistrat, ikklikkja fuq **EUR-Lex tiegħi** fir-rokna ta' fuq tal-lemin ta' kwalunkwe paġna tal-EUR-Lex, u mbagħad fuq **Irreġistra**. Se tittieħed lejn il-paġna tal-EU Login , fejn tkun tista' toħloq il-kont tiegħek.
Biex tidħol fis-sistema, ikklikkja fuq **EUR-Lex tiegħi** fir-rokna ta' fuq tal-lemin ta' kwalunkwe paġna tal-EUR-Lex u mbagħad ikklikkja fuq **Illoggja**. Daħħal il-kredenzjali tiegħek.



Bil-ħolqien ta' allerti RSS fuq il-EUR-Lex tista' żżomm ruħek infurmat(a) dwar aġġornamenti ġodda b'rabta ma' dokumenti tal-UE bħal-leġiżlazzjoni, il-ftehimiet internazzjonali, id-dokumenti preparatorji, jew il-każistika.

1. Fil-paġna li turi d-dokument li jinteressak, ikklikkja fuq **Oħloq allert RSS** fil-menu tax-xellug.





Jekk għadek ma dħaltx fis-sistema, is-sistema se titolbok tagħmel dan.


- Fil-kaxxa li tinfetaħlek, agħti isem lit-allert RSS tiegħek (obbligatorju), żid kumment (fakultattiv), u agħżel l-aġġornamenti li tixtieq tiġi infurmat(a) dwarhom:
- modifiki għal dan id-dokument,
- atti preparatorji sussegwenti li jibdlu d-dokument,
- każistika li taffettwa d-dokument,
- verżjonijiet konsolidati tad-dokument,
- dokumenti relatati mad-dokument,
- dokumenti li jsemmu d-dokument,
- dokumenti li l-bażi legali tagħhom hija d-dokument (pereżempju atti ta' implimentazzjoni u atti delegati).


B'mod awtomatiku, jiġu selezzjonati l-ewwel erba' għażliet.

- Ikklikkja fuq **Issejvja** biex toħloq l-allert RSS.

Kull darba li l-EUR-Lex jippubblika dokument ġdid relatat mat-allert tiegħek, dan jiżdied mal-RSS feed relatat.
Is-sistema tgħodd kull allert li toħloq (allerti RSS u allerti bl-email) bħala tfittxija waħda ssejvjata u żżidha mal-għadd totali ta' tfittxijiet issejvjati fl-ispazju personali tiegħek. Jista' jkollok sa 50 tfittxija ssejvjata.
Tista' tuża wkoll allerti RSS predefiniti għal għadd ta' kategoriji predefiniti ta' dokumenti (eż. il-leġiżlazzjoni kollha tal-Parlament u tal-Kunsill, il-proposti tal-Kummissjoni u d-dokumenti relatati), u l-edizzjonijiet tal-Ġurnal Uffiċjali.
Tista' toħloq allerti RSS biex iżżomm ruħek' infurmat(a) dwar kwalunkwe aġġornament ġdid fil-EUR-Lex b'rabta ma' proċedura speċifika tat-tfassil tal-liġijiet.

1. Fil-paġna li turi l-proċedura li trid issegwi, ikklikkja fuq **Oħloq allert RSS** fil-menu tax-xellug.






Jekk għadek ma dħaltx fis-sistema, is-sistema se titolbok tagħmel dan.


- Fil-kaxxa li tinfetaħlek, agħti isem lit-allert RSS tiegħek (obbligatorju) u żid kumment (fakultattiv).
- Ikklikkja fuq **Issejvja** biex toħloq l-allert RSS.

Kull darba li l-EUR-Lex jippubblika dokument ġdid relatat mat-allert tiegħek, dan jiżdied mal-RSS feed relatat.
Is-sistema tgħodd kull allert li toħloq (allerti RSS u allerti bl-email) bħala tfittxija waħda ssejvjata u żżidha mal-għadd totali ta' tfittxijiet issejvjati fl-ispazju personali tiegħek. Jista' jkollok sa 50 tfittxija ssejvjata.
Tista' toħloq allerti RSS relatati mat-tfittxijiet.
Dan huwa partikolarment utli jekk trid li tiġi infurmat(a) dwar aġġornamenti ġodda li jikkonċernaw suġġett speċifiku, tip speċifiku ta' dokument, istituzzjoni speċifika jew korp speċifiku, eċċ.
Kull darba li l-EUR-Lex jippubblika dokument li jkun jaqbel mal-kriterji tat-tfittxija tiegħek, dan jiżdied mal-RSS feed relatat.


1 Agħmel it-tfittxija tiegħek

Tista' tfittex b'modi differenti fuq il-EUR-Lex, skont il-ħtiġijiet tiegħek.
Bit-tfittxija avvanzata tista' tibni rikjesti ta' tfittxija preċiżi bbażati fuq firxa wiesgħa ta' kriterji, bħal temi mit-teżawru EuroVoc (eż. "protezzjoni ambjentali"), tipi ta' dokumenti, awturi, u tipi ta' dati.






- Fil-lista tar-riżultati, ikklikkja fuq **Oħloq fit-allerti RSS tiegħi**.




- Fil-kaxxa li tinfetaħlek, agħti isem lit-allert RSS tiegħek (obbligatorju) u żid kumment (fakultattiv).
- Ikklikkja fuq **Issejvja** biex toħloq l-allert RSS.

Biex issir taf aktar dwar kif toħloq allerti RSS minn tfittxijiet, agħti daqqa t'għajn lejn iż-żewġ eżempji dettaljati li ġejjin, ibbażati fuq każijiet konkreti ta' utenti.
Kif toħloq allert RSS dwar dokumenti relatati ma' miżuri restrittivi applikati mill-Unjoni Ewropea
Kif toħloq allert RSS dwar dokumenti relatati mal-influwenza tat-tjur
Is-sistema tgħodd kull allert li toħloq (allerti RSS u allerti bl-email) bħala tfittxija waħda ssejvjata u żżidha mal-għadd totali ta' tfittxijiet issejvjati fl-ispazju personali tiegħek. Jista' jkollok sa 50 tfittxija ssejvjata.
Tista' toħloq allerti RSS relatati mat-tfittxijiet issejvjati tiegħek.

1. Ikklikkja fuq **EUR-Lex tiegħi** fir-rokna ta' fuq tal-lemin ta' kwalunkwe paġna tal-EUR-Lex u mbagħad ikklikkja fuq **Illoggja**.
2. Ikklikkja fuq **It-tfittxijiet issejvjati tiegħi**.




- Agħżel tfittxija waħda jew aktar billi timmarka fil-kaxxi żgħar u kklikkja fuq **Issettja dawk magħżula bħala allerti RSS**.




It-tfittxijiet kollha marbutin ma' allert RSS huma mmarkati b'ikona speċifika .
Is-sistema tgħodd kull allert li toħloq (allerti RSS u allerti bl-email) bħala tfittxija waħda ssejvjata u żżidha mal-għadd totali ta' tfittxijiet issejvjati fl-ispazju personali tiegħek. Jista' jkollok sa 50 tfittxija ssejvjata.

1. Ikklikkja fuq **EUR-Lex tiegħi** fir-rokna ta' fuq tal-lemin ta' kwalunkwe paġna tal-EUR-Lex u mbagħad ikklikkja fuq **Illoggja**.
2. Ikklikkja fuq **L-allerti RSS tiegħi**.



- L-allerti RSS kollha tiegħek jiġu elenkati f'tabella.





- Biex tara lista tal-aħħar dokumenti relatati ma’ allert RSS, ikklikkja fuq isimha fit-tabella.
- Ikklikkja fuq **Ara t-tfittxija** biex tara sommarju tal-kriterji tat-tfittxija relatati ma’ allert RSS.

Dwar il-Ġurnal Uffiċjali

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea huwa l-pubblikazzjoni uffiċjali għall-atti legali tal-UE.
Huwa ppubblikat mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa b'24 lingwa uffiċjali tal-UE.
F'każijiet urġenti, il-Ġurnal Uffiċjali jiġi ppubblikat is-Sibtijiet, il-Ħdud u fil-festi pubbliċi.
L-EUR-Lex fih verżjonijiet elettroniċi ta' kull edizzjoni tal-Ġurnali Uffiċjali mill-ewwel edizzjoni 'l hawn.
Mill-1 ta' Lulju 2013, l-edizzjonijiet elettroniċi tal-Ġurnal Uffiċjali biss huma awtentiċi u jipproduċu effetti legali.
Mill-1 ta' Ottubru 2023, il-Ġurnal Uffiċjali m'għadux ġabra ta' atti b'werrej. Kull att hu ppubblikat individwalment bħala Ġurnal Uffiċjali awtentiku fil-format PDF.
Tista' tixtri verżjoni stampata mhux awtentika ta' ħarġa tal-Ġurnal Uffiċjali permezz tal-Portal tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet . Peress li dawn il-verżjonijiet stampati jinħolqu fuq talba, huma jġarrbu tariffi tal-istampar u tal-posta.
Ara aktar fis-sit *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
Il-kaxxa "Ġurnal Uffiċjali" fil-paġna ewlenija fiha links għall-aħħar edizzjonijiet ippubblikati.
Hemm tista' tagħti daqqa t'għajn lejn kemm atti tas-serje L u C huma disponibbli għall-ġurnata.



Meta tikklikkja “Ġurnal Uffiċjali” tmur fil-paġna tal-Ġurnal Uffiċjali b’għażliet ta’ tfittxija għall-edizzjonijiet kollha.
Hemmhekk tista’ twettaq tfittxija billi tindika firxa ta’ dati jew referenzi speċifiċi bħas-sena tal-pubblikazzjoni, is-serje u n-numru tad-dokument tal-Ġurnal Uffiċjali li qed tfittex.
L-aktar atti ppubblikati reċentement huma wkoll disponibbli direttament.
Ir-riżultati tat-tfittxija tiegħek jitqassmu skont id-dati u s-serje.
Għall-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati sat-30/09/2023, l-EUR-Lex juri r-referenzi tal-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati f’data speċifika għas-serje L u C. Ikklikkjahom biex taċċessa l-paġni relatati tal-ĠU.
Għall-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati mill-01/10/2023, l-EUR-Lex juri n-numru ta’ Ġurnali Uffiċjali għal kull serje f’data speċifika. Ikklikkja l-links biex taċċessa d-dehra ta’ kuljum tas-serje relatata.
Meta tuża l-menù fuq in-naħa tax-xellug, tista’ taċċessa l-paġni speċifiċi li ġejjin relatati mal-Ġurnal Uffiċjali:

- Dehra ta’ kuljum tas-Serje L tal-Ġurnal Uffiċjali
- Dehra ta’ kuljum tas-Serje C tal-Ġurnal Uffiċjali
- Ibbrawżja l-Ġurnal Uffiċjali
- Edizzjonijiet stampati li jorbtu legalment
- Edizzjonijiet speċjali

Għal aktar informazzjoni dwar dawn il-paġni, mur fil-menù tal-paġni ta’ għajnuna u kklikkja l-links apposta.

Serjejiet u subserjejiet tal-Ġurnal Uffiċjali

Minn Jannar 1968 il-Ġurnal Uffiċjali huwa magħmul minn żewġ serjejiet:

- L – Leġiżlazzjoni
- C – Informazzjoni u avviżi (C tirrappreżenta l-kelma "communications" bil-Franċiż).

Matul is-snin inħolqu wkoll xi subserjejiet (ara aktar dettalji fit-tabella ta' hawn taħt) iżda dawn twaqqfu meta l-Ġurnal Uffiċjali beda jiġi ppubblikat att b'att.
Tista' tikkonsulta l-istruttura tal-Ġurnal Uffiċjali qabel ma qalbet għall-pubblikazzjoni att b'att fl-1 ta' Ottubru 2023. Għal aktar informazzjoni dwar l-istruttura tal-Ġurnal Uffiċjali, jekk jogħġbok ikkonsulta l-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali .
It-tabella ta' hawn taħt tagħti dettalji dwar l-istruttura tal-Ġurnal Uffiċjali.

Serje L	Werrej
L (**Leġiżlazzjoni**) (eż. ĠU L 067 – qabel il-pubblikazzjoni tal-Ġurnal Uffiċjali att b' att)	Fiha l-leġiżlazzjoni tal-UE.
Subserjejiet	
LI (Edizzjoni **iżolata**) (eż. ĠU L 011I – qabel il-pubblikazzjoni tal-Ġurnal Uffiċjali att b' att)	Subserje introdotta biex tagħmel l-ippjanar u n-numerazzjoni tal-Ġurnali Uffiċjali aktar flessibbli. Użata l-ewwel darba fis-16 ta' Jannar 2016 (L 011I). Twaqqfet bil-pubblikazzjoni tal-Ġurnal Uffiċjali att b'att.

LM (eż. ĠU L 118M – qabel il-pubblikazzjoni tal-Ġurnal Uffiċjali att b’ att)	S’issa, is-subserje M intużat biss biex jiġi ppubblikat ix-xogħol b’lura tal-atti bil-lingwa Maltija. (Wara li Malta ssieħbet fl-UE fl-2004, mhux l-atti kollha ġew ippubblikati inizjalment bil-Malti.)

Serje C	Kontenut
C (**Informazzjoni u avviżi**) (eż. ĠU C 100 – qabel il-pubblikazzjoni tal-Ġurnal Uffiċjali att b’ att)	Dokumenti uffiċjali oħrajn minn istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-UE.
Subserjejiet	
CA (**Anness**) (eż. ĠU C 019A – qabel il-pubblikazzjoni tal-Ġurnal Uffiċjali att b’ att)	Fiha l-avviżi ta’ postijiet vakanti u sejħiet għal espressjonijiet ta’ interess. Tista’ tkun ippubblikata b’lingwa waħda, b’diversi lingwi jew bil-lingwi uffiċjali kollha. Twaqqfet bil-pubblikazzjoni tal-Ġurnal Uffiċjali att b’att.
CI (Edizzjoni **iżolata**) (eż. ĠU C 015I – qabel il-pubblikazzjoni tal-Ġurnal Uffiċjali att b’ att)	Subserje introdotta biex tagħmel l-ippjanar u n-numerazzjoni tal-Ġurnali Uffiċjali aktar flessibbli. Użata l-ewwel darba fis-16 ta’ Jannar 2016 (C 015I). Twaqqfet bil-pubblikazzjoni tal-Ġurnal Uffiċjali att b’att.

Serjejiet storiċi

- Serjejiet A u P - għal atti leġiżlattivi ppubblikati qabel l-1967.
- Subserje CE - għal dokumenti elettroniċi ppubblikati bejn l-1999 u l-2014.

Serjejiet storiċi A u P	Kontenut
A (1952-1958) (eż. ĠU A 038)	“A” tirrappreżenta “antérieur” bil-Franċiż, jiġifieri *qabel* ma twaqqfu l-Komunitajiet Ewropej. Din tkopri l-atti leġiżlattivi mill-1952 sa April 1958.


P (1958 - 1967) (eż. ĠU P 050)	“P” tirrappreżenta “postérieur” bil-Franċiż, jiġifieri *wara* li twaqqfu l-Komunitajiet Ewropej. Din tkopri l-atti leġiżlattivi minn Mejju 1958 sal-1967.
Subserjejiet	
CE (Edizzjoni **elettronika**) (eż. ĠU C 296E)	Għal verżjonijiet elettroniċi biss. Ippubblikati bejn il-31 ta’ Awwissu 1999 u l-31 ta’ Marzu 2014, oriġinalment fuq talba tal-Kummissjoni, għad-dokumenti COM. Imbagħad, is-subserje kienet użata wkoll: ▪ mill-Kunsill - għall-pubblikazzjoni ta’ pożizzjonijiet komuni ▪ mill-Parlament Ewropew - għal diversi tipi ta’ dokumenti (il-minuti tas-seduti plenarji, it-testi adottat, il-mistoqsijiet bil-miktub). Il-biċċa l-kbira tad-dokumenti li qabel kienu jiġu ppubblikati f’din is-subserje issa jagħmlu parti mis-serje C.

Edizzjonijiet speċjali

Edizzjonijiet speċjali	Kontenut
	Tiġi ppubblikata Edizzjoni speċjali meta pajjiż isir Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Din ikun fiha l-leġiżlazzjoni kollha tal-UE fis-seħħ (l-“*acquis*”) fid-data tal-adeżjoni, tradotta bil-lingwa uffiċjali tal-pajjiż ikkonċernat. Il-proċess tat-traduzzjoni u l-pubblikazzjoni tal-atti għall-edizzjonijiet speċjali jibda qabel ma l-pajjiż jissieħeb u normalment jitlesta ftit wara li jkun issieħeb. L-Edizzjonijiet speċjali jinkludu 20 kapitolu skont it-Direttorju tal-atti legali tal-UE fis-seħħ. Kull waħda fiha volum wieħed jew aktar. Meta pajjiż jissieħeb, tista’ ssib l-atti ppubblikati fl-edizzjoni speċjali wkoll fil-EUR-Lex. Tista’ tibbrawżja l-edizzjonijiet speċjali.

Ibbrawżja l-Ġurnal Uffiċjali

Il-paġna “Ibbrawżja l-Ġurnal Uffiċjali” toffri ħafna għażliet ta’ filtrar.
Tista’ taċċessa din il-paġna mill-menù fuq in-naħa tax-xellug tal-paġni li ġejjin: “Aċċess għall-Ġurnal Uffiċjali”, “Dehra ta’ kuljum tas-serje L tal-Ġurnal Uffiċjali”, “Dehra ta’ kuljum tas-serje C tal-Ġurnal Uffiċjali”, “Ibbrawżja l-Ġurnal Uffiċjali”, “Edizzjonijiet stampati li jorbtu legalment” u “Edizzjonijiet speċjali”.
Fin-naħa ta’ fuq tal-paġna, żewġ buttuni jippermettulek tara l-Ġurnali Uffiċjali ta’ dakinhar jew tal-aħħar 7 ijiem.
Tista’ wkoll tfittex fil-Ġurnali Uffiċjali kollha ppubblikati f’firxa speċifika ta’ dati.



Fuq in-naħa tax-xellug tal-paġna, tista’ tiffiltra l-Ġurnali Uffiċjali skont firxa wiesgħa ta’ kriterji.
Il-filtri fuq nett tal-lista jippermettulek tagħżel Ġurnali Uffiċjali relatati ma’:


- proċedimenti tal-qorti;
- avviżi ta’ kompetizzjonijiet tal-UE u dokumenti oħra relatati mal-proċeduri ta’ selezzjoni;
- sessjonijiet ta’, pereżempju, il-Parlament Ewropew jew il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew;
- temi speċifiċi bħall-COVID-19 jew il-Brexit.

Il-filtri li jikkorrispondu għal xi Ġurnali Uffiċjali fir-riżultati jidhru bil-blu u jistgħu jintgħażlu. Inkella, ma jkunux attivi u jidhru bil-griż.
Tista’ tiffiltra l-Ġurnali Uffiċjali skont is-serje (L jew C), l-awtur u t-tip ta’ att. Dawn il-filtri huma dejjem attivi.





Fil-listi tar-riżultati, hemm ikona ta' folder segwita minn link taħt it-titlu ta' kull dokument li huwa parti minn sessjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni.



Jekk ikun hemm titlu ta' dik is-sessjoni disponibbli, dan jintwera minflok in-numru/sena ta' referenza.



budget of the European Union for the financial year 2020, Section I – European Parliament

EUROPEAN PARLIAMENT 2022–2023 SESSION Sittings of 27.4.2022 to 4.5.2022


Decision (EU, EURATOM) 2022/1690 of the European Parliament of 4 May 2022 on discharge in respect of the implementation of the general budget of the European Union for the financial year 2020, Section III – Commission

EUROPEAN PARLIAMENT 2022–2023 SESSION Sittings of 27.4.2022 to 4.5.2022

Decision (EU, Euratom) 2022/1691 of the European Parliament of 4 May 2022 on discharge in respect of the implementation of the budget of the Education, Audiovisual and Culture Executive Agency (now European Education and Culture Executive Agency) (EACEA) for the financial year 2020

EUROPEAN PARLIAMENT 2022–2023 SESSION Sittings of 27.4.2022 to 4.5.2022

Ikklikkja din il-link biex taċċessa lista tad-dokumenti kollha relatati mas-sessjoni.





Dehra ta’ kuljum tal-Ġurnal Uffiċjali

Kemm is-serje L kif ukoll is-serje C tal-Ġurnal Uffiċjali għandhom paġna ddedikata msejħa “dehra ta’ kuljum” li tagħti ħarsa ġenerali lejn il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati f’jum partikolari. Hemm diversi modi kif taċċessa dawn il-paġni.
Fil-paġna ewlenija, fil-kaxxa tal-Ġurnal Uffiċjali, ikklikkja l-links “Serje ĠU L” jew “Serje ĠU C”.



Fil-paġna “Aċċess għall-Ġurnal Uffiċjali”, ikklikkja waħda mil-links “Uri l-atti”.





Fil-paġni li ġejjin, uża l-menù fuq in-naħa tax-xellug: “Aċċess għall-Ġurnal Uffiċjali”, “Dehra ta’ kuljum tas-serje L tal-Ġurnal Uffiċjali”, “Dehra ta’ kuljum tas-serje C tal-Ġurnal Uffiċjali”, “Ibbrawżja l-Ġurnal Uffiċjali”, “Edizzjonijiet stampati li jorbtu legalment” u “Edizzjonijiet speċjali”.




Il-paġna “dehra ta’ kuljum” tagħti aċċess għall-Ġurnali Uffiċjali f’data speċifika.
Tista’ tissortja l-Ġurnali Uffiċjali f’ordni axxendenti jew dixxendenti billi tuża kriterji differenti:

- skont l-istruttura tal-ĠU, li hija d-dehra prestabbilita u tirrifletti l-istruttura u t-tqassim tal-werrej tal-edizzjonijiet ta’ qabel tal-Ġurnal Uffiċjali;
- skont in-numru tal-ĠU;
- skont id-data tal-pubblikazzjoni.



Biex tara Ġurnal Uffiċjali, ikklikkja t-titlu tiegħu.
Biex tara d-dehra ta’ kuljum għal data oħra, ikklikkja l-ikona ħdejn id-data u mbagħad ikklikkja d-data tal-għażla tiegħek.



Edizzjonijiet speċjali

Meta pajjiż isir membru tal-UE, il-leġiżlazzjoni tal-UE fis-seħħ (“l-acquis”) fid-data tal-adeżjoni tiġi tradotta fil-lingwa uffiċjali ta’ dan il-pajjiż u tiġi kkompilata fl-“Edizzjonijiet Speċjali tal-Ġurnal Uffiċjali tal-UE”.
L-atti ppubblikati fl-edizzjonijiet speċjali jingabru f'volumi fl-ordni tal-pubblikazzjoni tagħhom u jiġu elenkati f'20 kapitolu li jikkorrispondu mal-kapitoli tad-direttorju tal-atti legali.
Biex issib l-Edizzjonijiet speċjali:

- Mur fil-paġna “Aċċess dirett” tal-Ġurnal Uffiċjali u agħżel **Edizzjoni speċjali** fil-menù fuq in-naħa tax-xellug.
- Agħżel il-lingwa tal-pajjiż membru l-ġdid.

Tintwera siġra ta’ klassifikazzjoni, bis-sena meta l-pajjiż ikun issieħeb fuq nett.

- L-ewwel livell tas-siġra jsegwi l-kapitoli fid-direttorju tal-atti legali.
- It-tieni livell juri l-volumi tal-edizzjoni speċjali.
- Meta tikklikkja volum speċifiku, jintwera l-ĠU relatat.

Ivverifika l-awtenticità ta’ edizzjoni elettronika tal-ĠU

Mill-1 ta’ Lulju 2013 l-edizzjoni elettronika ta’ Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (ĠU) biss hija awtentika u tipproduċi effetti legali (ara r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013).

Il-verżjonijiet stampati m’għadx għandhom valur legali, ħlief għal każijiet fejn – minħabba interruzzjoni mhux prevista u eċċezzjonali tas-sistemi tal-IT tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet – il-ĠU elettroniku ma jistax jiġi ppubblikat. Sib verżjonijiet stampati tal-ĠU b'effett legali.

Il-ĠU-e għandu firma elettronika, li tiżgura l-awtenticità, l-integrità u l-inalterabilità tal-edizzjoni elettronika.

Kif tiġi vverifikata l-awtenticità

— Tista’ tivverifika l-firma elettronika u l-karattru awtentiku tal-ĠU-e billi tuża l-applikazzjoni CheckLex jew kwalunkwe applikazzjoni ta’ verifika minn parti terza li tikkonforma mal-istandards stabbiliti. Jekk din il-verifika tirnexxi, inti għandek il-garanzija li:

- l-edizzjoni elettronika hija awtentika;
- ma nbidlitx mid-data tal-iffirmar tagħha.

Il-verifika teħtieġ il-passi li ġejjin:

- Iddawnlowdja l-verżjoni PDF tal-ĠU-e u l-file tal-firma tiegħu
- Issejvjahom fil-kompjuter jew fl-apparat tiegħek
- Applowdja ż-2 files fil-CheckLex, billi tikklikkja l-buttuni Agħżel id-dokument u Agħżel il-Firma Assoċjata. Kun ċert li qed tapplowdja l-par it-tajjeb tal-files, inkella l-verifika ma tirnexxix.
- Ikklikkja l-buttuna Ivverifika l-Firma. Il-verifika tieħu biss ftit sekondi.

Jekk il-verifika ma tirnexxix, tirċievi messaġġ ta’ żball, li jinfurmak x’mar ħażin.

— F’xi każijiet, meta l-ebda firma elettronika ma tintwera bħala file separat, il-firma tkun direttament parti mill-file PDF. F’dawk il-każijiet, il-verifika tista’ titwettaq bl-użu ta’ kwalunkwe applikazzjoni ta’ verifika minn parti terza li tikkonforma mal-istandards stabbiliti.
Ara aktar dwar:

- CheckLex - fil-paġna Dwar il-paġna u l-FAQ .
- Il-politika dwar il-firma tal-ĠU-e użata mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.
- Iċ-ċertifikati kkwalifikati li fuqhom huma bbażati l-firem-e.

Użu mill-ġdid tad-data tal-EUR-Lex

Tista’ terġa’ tuża d-data tal-EUR-Lex, bla ma tħallas, skont il-kundizzjonijiet tad-drittijiet tal-awtur.
Hemm modi differenti kif tista' tfittex għal kontenut u kif tista’ tisiltu biex terġa’ tużah.

Servizz tal-web

Jekk int utent reġistrat, tista’ tfittex fil-bażijiet tad-data tal-EUR-Lex direttament billi tuża s-servizzi tal-web. L-għażliet tat-tfittxija huma simili għal dawk li hemm fit-"tiftixa esperta". Huma jipprovdu d-data f'furmat XML. Aktar dwar kif tuża s-servizzi tal-web.

tniżżil massiv

Data dump

Permezz tad-data dump, bħalissa tista’ tniżżel b’mod massiv l-atti legali kollha (CELEX settur 3) fis-seħħ għal kull lingwa.
Biex taċċessa d-data dump, se jkollok bżonn kont tal-EU Login .
datadump.publications.europa.eu

data.europa.eu

Fuq data.europa.eu, il-portal uffiċjali għad-data Ewropea, tista’ tniżżel lista ta’ Ġurnali Uffiċjali (serje L u C) ippubblikati skont is-sena (mill-2004 ’l quddiem) u skont il-lingwa. Il-lista tista’ titniżżel fil-format csv u fiha link għal kull Ġurnal Uffiċjali fil-format XML Formex.
data.europa.eu

Aċċess dirett għall-bażi tad-data

Biex tipproċessa d-data b'mod aktar sofistikat, tista' titlob:

1. Notifiki permezz tal-**RSS feeds** tal-bażi tad-data – biex javżawk dwar kwalunkwe tibdil li jseħħ. Dawn il-feeds jistgħu jirriżultaw f'għadd kbir ħafna ta' notifiki (miljuni kuljum).
2. Aċċess dirett għall-għażla tiegħek tal-kontenut u l-metadata fil-bażi tad-data, permezz tal-**interface REST**.

Repożitorju tad-data

L-informazzjoni murija fil-EUR-Lex tinkiseb mir-repożitorju komuni għall-metadata u l-kontenut ("Cellar"). Is-Cellar huwa bbażat fuq teknoloġiji semantiċi, qafas ta' diversi standards.
Id-data fis-Cellar mhix limitata għal dokumenti u informazzjoni legali li jintwerew fil-EUR-Lex, iżda tinkludi wkoll pubblikazzjonijiet oħra tal-UE (kotba, fuljetti, eċċ.). Id-data maħżuna fis-Cellar tista' tiġi aċċessata direttament permezz tal-SPARQL endpoint u r-RESTful API.
Permezz tal-**SPARQL endpoint** tista' tfittex il-metadata kollha disponibbli fis-Cellar, inklużi r-relazzjonijiet kollha bejn l-entitajiet differenti. Bir-**RESTful API** tista' ssib settijiet speċifiċi ta' metadata (spiss imsejħa avviżi) kif ukoll tniżżel il-files tal-kontenut tad-dokument. Dawn iż-żewġ għażliet huma disponibbli f'diversi formati (PDF, HTML, Formex, eċċ.).
Tista' tiskopri aktar u taċċessa l-aktar manwal tal-utent reċenti, li jinkludi informazzjoni dwar Cellar u l-API Restful tiegħu, fis-sit web ta' Cellar . Tista' tistaqsi dwar il-metadata fis-Cellar permezz tal-endpoint SPARQL .

Mudell tad-data

L-istruttura tad-data fis-Cellar hija definita fil-Mudell tad-Data Komuni (Common Data Model - CDM), li huwa bbażat fuq teknoloġiji semantiċi bħall-Iskema RDF u OWL. Tista' ssib verżjonijiet kurrenti u tal-passat tas-CDM fis-sit web tal-Vokobularji tal-UE .
Flimkien mad-definizzjoni tal-ontoloġija, is-sit web tal-Vokabularji tal-UE fih ukoll definizzjonijiet għal vokabularji kkontrollati, tassonomiji u t-teżawri użati mis-Cellar.
B'mod partikolari, is-sit web tal-Vokabularji tal-UE jipprovdi d-diversi tabelli tal-awtoritajiet użati fil-valuri tal-metadata biex jirreferu għal entitajiet jew kunċetti speċifiċi bħal korp korporattiv, trattat, pajjiż jew lingwa.

Formati tad-dokumenti

Id-dokumenti disponibbli fis-Cellar u fil-EUR-Lex huma pprovduti f'diversi formati standard, skont id-disponibbiltà tagħhom: PDF, HTML, XHTML, eċċ.
Porzjon sinifikanti tad-dokumenti disponibbli f'Cellar u f'EUR-Lex, b'mod partikolari dawk ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali, huma wkoll disponibbli f'format XML speċifiku imsejjaħ Formex. Tista' ssib iktar informazzjoni dwar dan il-format fis-sit web tal-Formex .

Kif tirkupra d-dokumenti EUR-Lex f'formati strutturati, li jinqraw mill-magni

Il-EUR-Lex joffri għadd ta' metodi għall-estrazzjoni tal-kontenut tad-dokumenti disponibbli fis-sit web f'formati strutturati li jinqraw mill-magni. Aktar tagħrif dwar dawn il-metodi jinstab fid-dokument Irkupru f'formati li jinqraw mill-magni.
F'każ ta' volumi kbar ta' data, uża wieħed mis-servizzi tat-tniżżil tad-data fuq skala kbira Aċċess dirett għal CELLAR API jew għad-Data Dump

Link utli

Metodoloġija ta' Analiżi Legali (Legal Analysis Methodology - LAM)
Dan jippreżenta l-għarfien tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet fil-qasam tal-ikkatalogar tal-atti legali tal-UE ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali u fil-EUR-Lex. Dan jiddeskrivi t-tifsira u l-użu ta' elementi ta' metadata attribwiti lil dawk l-atti.

Is-servizz web

Is-servizz web tal-EUR-Lex huma mod kif l-utenti rreġistrati jfittxu direttament fil-EUR-Lex, mingħajr ma jkollhom għalfejn ifittxu fil-website.
Joffri għażliet ta' tiftix simili għal dawk li ssib fit-tfittxija għall-esperti u d-data tiġi ppreżentata f'format XML. Kwalunkwe tfittxija li ssir fil-website tista' ssir ukoll permezz tas-servizz web, inkluża tfittxija għal test komplut. Dan is-servizz web huwa bbażat fuq il-protokoll SOAP, u hu disponibbli bla ħlas wara li tirreġistra għalih.
Għalkemm is-servizz web jippermettilek tfittex fit-test tad-dokumenti nfushom, ma jistax jintuża biex tniżżel direttament il-fajls tad-dokumenti.
Dawn tista' tniżżilhom abbażi tal-identifikatur tagħhom, permezz tal-API Cellar RESTful jew billi toħloq URL kif deskritt fil-linji gwida tagħna għal links stabbli.
Jekk teħtieġ mod eħfef biex tibqa' aġġornat, tista' tuża l-RSS feeds – predefiniti jew ippersonalizzati.

Ir-reġistrazzjoni

Kif tirreġistra għal servizz web:

1. Ikklikkja fuq Reġistrazzjoni għas-servizz web.
2. Jekk għad m'għandekx kont tal-EU login, ikklikkja fuq **Irreġistra**.
3. Meta tkun ħloqt kont, ikklikkja fuq **Idħol**. Kompli aqra dwar kif tirreġistra fil-EUR-Lex.
4. Ikklikkja fuq **Irreġistra** u imla l-formola tar-reġistrazzjoni (ara t-tabella hawn taħt).
5. Ikklikkja fuq **Issejvja** biex tibgħatilna l-formola.
6. Jekk il-formola tiegħek tkun imlejtha kif suppost, nibagħtulek email li tispeċifikalek id-drittijiet tal-aċċess.

Informazzjoni li trid iddaħħal fil-formola

Id-data użata	Id-data li tixtieq tikseb mis-servizz web, għal aktar użu

L-użu finali tad-data	X'beħsiebek tagħmel bid-data
In-numru massimu ta’ sessjonijiet kull ġurnata	In-numru massimu ta’ sessjonijiet kull ġurnata
Kummenti	Kummenti addizzjonali
L-isem tal-utent	L-isem tal-utent tiegħek (imdaħħal minn qabel fil-modalità ta’ qari biss)
Kunjom	Kunjomok
Isem	Ismek
E-mail	L-indirizz elettroniku tiegħek
Isem	Isem l-organizzazzjoni tiegħek
Pajjiż	Il-pajjiż li fih tinsab l-organizzazzjoni tiegħek
Naċċetta li nosserva l-kundizzjonijiet tal-użu tal-EUR-Lex stabbiliti fl-avviż legali	Il-qbil tiegħek mat-termini tal-użu b’rabta mas-servizzi web

Kif tuża s-servizz web

Tista' tuża s-servizz web malli nibagħtulek l-email li tagħtik l-aċċess:

- Ikklikkja fuq Reġistrazzjoni għas-servizz web.
- L-informazzjoni li se tara tinkludi **link** għad-WSDL għas-servizz web - trid tipprovdi l-URL tad-WSDL għall-applikazzjoni li qed tuża biex tfittex fil-EURLex.
- Uża s-servizz web bl-isem tal-utent u l-password li bgħatnielek bl-email. Trid tispeċifika:
  - x’qed tfittex, miktub bħala tfittxija esperta. Dan jista' jkun fih klawżola **SELECT**, biex tagħżel liema metadata tiġi ppreżentata viżwalment, u klawżola **ORDER BY**, biex tiddefinixxi l-ordni kif jidhru r-riżultati. Tista' tuża wkoll il-mudell tas-servizz web.
  - il-lingwa
  - in-numru tal-paġna
  - in-numru ta' riżultati f'kull paġna
- Il-lista tar-riżultati jkun fiha l-metadata li tkun għażilt, għal kull dokument. Jekk hawnhekk ma tkun għażilt l-ebda metadata, jintuża l-profil tal-preżentazzjoni viżwali definit fil-preferenzi tat-tfittxija tiegħek.
- Mill-1 ta’ Jannar 2026 ’il quddiem, l-għadd ta’ riżultati li jitilgħu minn tfittxija waħda se jkun limitat għal 10,000. Ġbarna xi eżempji u modi kif nistgħu nottimizzaw it-tfittxijiet tiegħek. Tista’ wkoll tikseb assistenza teknika billi tikkuntattja lis-servizzi tal-helpdesk tal-EUR-Lex . F’każ ta’ volumi kbar ta’ data, uża wieħed mis-servizzi tat-tniżżil tad-data fuq skala kbira bħall-aċċess dirett għall-API tas-CELLAR jew għad-Data Dump .

Ikseb il-mudell tas-servizz web

Ladarba l-aċċess tiegħek għas-servizz web ikun ġie approvat, tista’ tikseb mudell XML speċjali biex tużah f’kull tfittxija li tagħmel:

1 Idħol fis-sistema u agħmel tfittxija (rapida, avvanzata, jew esperta).

2. Ikklikkja fuq l-ikona tal-mudell tas-servizzi web fil-parti ta' fuq tar-riżultati tat-tfittxija.
3. Tinfetaħ tieqa ġdida bit-tfittxija miktuba b'mod strutturat u bi struzzjonijiet dwar kif tużaha fis-sessjoni tiegħek tas-servizz web.

Tista' tikkopja dan il-mudell u tużah għas-sessjonijiet sussegwenti kollha tas-servizz web.

Ibdel il-limiti tas-servizz web tiegħek

In-numru massimu ta' sessjonijiet li jsiru kuljum mas-servizz web hu limitat. Biex tibdel dawn il-limiti, mur fil-paġna tas-servizzi web u kklikkja l-link biex tagħmel dan.
Nibagħtu navżawk b'email dwar il-limiti l-ġodda tiegħek (jekk ikun il-każ).

Ħassar l-abbonament

Biex twaqqaf l-abbonament mas-servizzi web, mur fil-paġna tas-servizzi web u kklikkja l-link biex twaqqaf l-abbonament.
Agħti r-raġunijiet għaliex qed tagħmel dan, u mbagħad ikklikkja fuq **Waqqaf l-abbonament**.
L-aċċess għas-servizz web tiegħek jiġi rivokat u l-password tiġi diżattivata.

Informazzjoni addizzjonali dwar is-servizzi web (bl-Ingliż biss)

- Fittex fil-manwal tal-utent tas-servizzi web
- Estrazzjoni tad-data bl-użu tas-servizzi web
- Metadata tat-tfittxijiet tas-servizzi web

Jekk għandek xi mistoqsijiet, jekk jogħġbok ikkuntattja lil EURLEX-HELPDESK@publications.europa.eu

Oħloq links permanenti

Link **permanenti** (imsejħa wkoll link **stabbli**) hi link li ma tinbidilx maż-żmien. Meta nużaw link permanenti nkunu qed niżguraw aċċess kontinwu għall-kontenut.
Hemm diversi modi kif nistgħu noħolqu links permanenti għall-kontenut tal-EUR-Lex. Biex tagħmel dan, jekk jogħġbok importanti li tirrispetta l-avviż tad-drittijiet tal-awtur tal-EUR-Lex.
Il-link permanenti tista' toħolqu għal:

- paġna ta' sit web f'verżjoni lingwistika speċifika
- edizzjoni speċjali tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU)
- dokument speċifiku permezz ta' identifikatur.

Għal verżjonijiet lingwistiċi speċifiċi, jintużaw il-kodiċijiet tal-lingwa li ġejjin:
/* Iċċentra t-test fil-kolonni 2 sa 13 fit-tabella */ .table-striped th:nth-child(n+2), .table-striped td: nth-child(n+2) { text-align: center; }

Lingwa	Il-Bulgaru	Il-Kroat	Iċ-Ċek	Id-Daniż	L-Olandiż	L-Ingliż	L-Estonjan	Il-Finlandiż	Il-Franċiż	Il-Ġermaniż	
Kodiċi b' żewġ ittri	bg	hr	cs	da	nl	mt	et	fi	fr	de	e
Kodiċi bi tliet ittri	BUL	HRV	CES	DAN	NLD	ENG	EST	FIN	FRA	DEU	E

/* Iċċentra t-test fil-kolonni 2 sa 13 fit-tabella */ .table-striped th:nth-child(n+2), .table-striped td: nth-child(n+2) { text-align: center; }

Lingwa	L-Irlandiż	It-Taljan	Il-Latvjan	Il-Litwan	Il-Malti	Il-Pollakk	Il-Portugiż	Ir-Rumen	Is-Slovakk	Is-Sloven	L Is

Kodiċi b’ żewġ ittri	ga	it	lv	lt	mt	pl	pt	ro	sk	sl	es
Kodiċi bi tliet ittri	GLE	ITA	LAV	LIT	MLT	POL	POR	RON	SLK	SLV	SP

Biex toħloq link għal paġna f’verżjoni lingwistika speċifika, żid wieħed mill-kodiċijiet tal-lingwa b’żewġ ittri wara **'locale='** fil-link.
L-istruttura tal-link: https://eur-lex.europa.eu/{*page name*}.html?locale={*il-kodiċi tal-lingwa b’żewġ ittri*}
Eżempji:

- Link għal paġna ta’ kollezzjoni bid-Daniż: https://eur-lex.europa.eu/collection/eu-law/consleg.html?**locale=da**
- Illinkja għall-paġna ta’ aċċess dirett tal-ĠU bl-Ingliż: https://eur-lex.europa.eu/oj/direct-access.html?**locale=en**

Fl-1 ta’ Ottubru 2023, il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea qaleb għall-pubblikazzjoni ta’ att b’ att. Għalhekk ikun hemm links permanenti differenti għall-ĠU ta’ qabel l-att b’att u tal-ĠU ta’ wara l-att b’att.
Il-links permanenti għal edizzjonijiet speċifiċi tal-Ġurnal Uffiċjali jinkludu l-partijiet li ġejjin:

- sena: 4 ċifri *{is-sena}*
- Numru tal-ĠU: 3 ċifri *{xxx}* għall-ĠU ta’ qabel l-att b’att u 5 ċifri *{xxxxx}* għall-ĠU ta’ wara l-att b’att
- Serje tal-ĠU: Ittra kapitali, eż L jew C
- numru tal-paġna għall-ĠU ta’ qabel l-att b’att: 4 ċifri *{zzzz}*
- kodiċi tal-lingwa b’żewġ ittri u/jew bi tliet ittri.

Jiddependi mit-tip ta’ dokument, tista’ toħloq links permanenti għal viżwalizzazzjonijiet speċifiċi oħra:

- ALL biex turi l-viżwalizzazzjoni tal-“Informazzjoni dwar id-dokument”, eż.: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=OJ:L_202401987
- HIS biex turi l-viżwalizzazzjoni tal-“Proċedura”, eż.: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/HIS/?uri=uriserv:OJ.L_.2016.352.01.0018.01.ENG
- PIN biex turi l-viżwalizzazzjoni tal-“Proċedura interna”, eż.: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/PIN/?uri=OJ:L_202401987
- NIM biex turi l-viżwalizzazzjoni tat-“Traspożizzjoni nazzjonali”, eż.: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/NIM/?uri=uriserv:OJ.L_.2000.327.01.0001.01.ENG
- LSU biex turi s-sommarju tal-leġiżlazzjoni fil-viżwalizzazzjoni tas-“Sommarju tad-dokument”, eż.:

https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/LSU/?uri=uriserv:OJ.L_.2000.327.01.0001.01.ENG

- CASE biex turi l-viżwalizzazzjoni tal-“Fajl tal-każ”, eż.: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/CASE/?uri=OJ:C_202501396

Il-links għall-ĠU ppubblikati mill-1 ta’ Ottubru 2023 (ĠU wara l-att b’att)

- Struttura ta’ link għall-viżwalizzazzjoni tat-“Test” ta’ ĠU: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/*{il-kodiċi tal-lingwa b’żewġ ittri}*/TXT/?uri=OJ:*{is-serje}_{is-sena}{xxxxx}*
  Pereżempju: ĠU L 2024/1987:https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:L_202401987
- Għal link għall-viżwalizzazzjoni tal-HTML ta’ ĠU, żid “HTML” fl-istruttura tal-link: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/*{il-kodiċi tal-lingwa b’żewġ ittri}*/TXT/HTML/?uri=OJ:*{is-serje}_{is-sena}{xxxxx}*
  Pereżempju: ĠU L 2024/1987:https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=OJ:L_202401987
- Għal link għall-avviż XML ta’ ĠU, żid “XML” fl-istruttura tal-link: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/*{il-kodiċi tal-lingwa b’żewġ ittri}*/TXT/XML/?uri=OJ:*{is-serje}_{is-sena}{xxxxx}*
  Pereżempju: ĠU L 2024/1987:https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/XML/?uri=OJ:L_202401987

Il-links għall-ĠU ppubblikati qabel l-1 ta’ Ottubru 2023 (ĠU qabel l-att b’att)

Links għal werrej

- Struttura ta’ link għal werrej (il-viżwalizzazzjoni tat-“Test” ta’ ĠU): https://eur-lex.europa.eu/legal-content/*{il-kodiċi tal-lingwa b’żewġ ittri}*/TXT/?uri=OJ:*{is-serje}*:*{is-sena}*:*{xxx}*:TOC
  Pereżempju: ĠU C 326/2015:https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:C:2015:326:TOC
- Għal link għall-viżwalizzazzjoni tal-HTML ta’ werrej, żid “HTML” fl-istruttura tal-link: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/*{il-kodiċi tal-lingwa b’żewġ ittri}*/TXT/HTML/?uri=OJ:*{is-serje}*:*{is-sena}*:*{xxx}*:TOC
  Pereżempju: ĠU C 326/2015:https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=OJ:C:2015:326:TOC
- Għal link għall-avviż XML ta’ werrej, żid “HTML” fl-istruttura tal-link: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/*{il-kodiċi tal-lingwa b’żewġ ittri}*/TXT/XML/?uri=OJ:*{is-serje}*:*{is-sena}*:*{xxx}*:TOC
  Pereżempju: ĠU C 326/2015:https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/XML/?uri=OJ:C:2015:326:TOC

Links għal att speċifiku ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali

L-istruttura tal-link: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/*{il-kodiċi tal-lingwa b'żewġ ittri}*/TXT/?uri=uriserv:OJ.*{is-serje}*_.*{is-sena}*.*{xxx}*.01.*{zzzz}*.01.*{il-kodiċi tal-lingwa bi tliet ittri}*
Pereżempju: links għal dokument ippubblikat fil-ĠU C 326/2015 li jibda fil-paġna 12:

- Kif jidher fit-"Test": https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv:OJ.C_.2015.326.01.0012.01.MLT
- Kif jidher f'PDF: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=uriserv:OJ.C_.2015.326.01.0012.01.MLT
- Kif jidher f'HTML: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=uriserv:OJ.C_.2015.326.01.0012.01.MLT
- Avviż XML tal-att: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/XML/?uri=uriserv:OJ.C_.2015.326.01.0012.01.MLT

Numru CELEX

Biex issir taf kif inhu strutturat in-numru CELEX, ara l-paġna tal-għajnuna tan-numri CELEX.
Innota li għal dokumenti li ġew ippubblikati dan l-aħħar, in-numru CELEX jaf jieħu sa jumejn biex isir disponibbli.
Struttura ta' link għall-viżwalizzazzjoni tat-"Test" ta' avviż ta' dokument:
https://eur-lex.europa.eu/legal-content/*{il-kodiċi tal-lingwa b'żewġ ittri}*/TXT/?uri=CELEX:*{in-numru tas-settur}{is-sena}{id-deskrittur}{in-numru tad-dokument}*
Pereżempju: links għal dokument bin-numru CELEX 32011R1007:

- Kif jidher fit-"Test": https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32011R1007
- Għal viżwalizzazzjoni tal-HTML, żid "HTML" fl-istruttura tal-link: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:32011R1007
- Għall-avviż XML tal-att, żid "XML" fl-istruttura tal-link: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/XML/?uri=CELEX:32011R1007

Jiddependi mit-tip ta' dokument, tista' toħloq links permanenti għal viżwalizzazzjonijiet speċifiċi oħra:

- ALL biex turi l-viżwalizzazzjoni tal-"Informazzjoni dwar id-dokument", eż.: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=OJ:L_202401987
- HIS biex turi l-viżwalizzazzjoni tal-"Proċedura", eż.: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/HIS/?uri=CELEX:32016D2371
- PIN biex turi l-viżwalizzazzjoni tal-"Proċedura interna", eż.: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/PIN/?uri=CELEX:32024R1987
- NIM biex turi l-viżwalizzazzjoni tat-"Traspożizzjoni nazzjonali", eż.: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/NIM/?uri=CELEX:32000L0060
- LSU biex turi s-sommarju tal-leġiżlazzjoni fil-viżwalizzazzjoni tas-"Sommarju tad-dokument", eż.: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/LSU/?uri=CELEX:32000L0060
- SUM biex turi l-viżwalizzazzjoni "Astratta" tal-ġurisprudenza, eż.: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/SUM/?uri=CELEX:62017TJ0160

- CASE biex turi l-viżwalizzazzjoni tal-“Fajl tal-każ”, eż.: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/CASE/?uri=CELEX:62017TJ0160

ELI

L-Identifikatur Ewropew tal-Leġiżlazzjoni (ELI) hu sistema biex il-leġiżlazzjoni tkun disponibbli online b’format standardizzat, ħalli tkun tista’ tiġi aċċessata, skambjata u użata mill-ġdid mingħajr fruntieri. Dan jista’ jintuża għal-leġiżlazzjoni tal-UE u nazzjonali.
Aqra aktar dwar l-ELI.
L-istruttura bażika ta’ link: http://data.europa.eu/eli/*{tip tad-dok}*/*{is-sena}*/*{numru naturali}*/oj
Jekk tneħħi l-“oj” mill-istruttura tal-URI, il-link jagħtik aċċess għall-aħħar **verżjoni konsolidata** tal-att, jekk din tkun teżisti, ngħidu aħna http://data.europa.eu/eli/dec/2009/496 . Jekk dan l-aħħar ikunu saru xi emendi li għadhom ma ġewx ikkonsolidati, din se turi lista tar-riżultati kemm bl-aħħar verżjoni konsolidata kif ukoll bl-emendi mhux konsolidati.
Għalkemm il-link jinkludi d-dominju **data.europa.eu**, il-paġna li tidher se tkun dokument jew riżultat tat-tiftix mis-sit web tal-EUR-Lex.
Biex tinkludi t-tip tad-dokument f’link ELI, uża din l-istruttura tal-URI:
http://data.europa.eu/eli/*{tip tad-dok}*/*{is-sena}*/*{numru naturali}*/oj/
Eżempji:

- Id-Direttivi (dir jew dir_impl jew dir_del): http://data.europa.eu/eli/dir/2000/60/oj
- Ir-Regolamenti (reg jew reg_impl jew reg_del): http://data.europa.eu/eli/reg/2013/216/oj
- Id-Deċiżjonijiet (tip tad-dok tkun dec jew dec_impl jew dec_del): http://data.europa.eu/eli/dec/2009/496/oj

Biex tinkludi l-lingwa u/jew il-format ta’ dokument f’link ELI, uża din l-istruttura tal-URI:
http://data.europa.eu/eli/*{tip tad-dok}*/*{is-sena}*/*{numru naturali}*/oj/*{il-kodiċi tal-lingwa bi tliet ittri}*/*{il-format}*
Eżempji:

- Verżjoni tat-test bit-Taljan: https://data.europa.eu/eli/reg/2013/666/oj/ita
- Verżjoni HTML bl-Ungeriż: https://data.europa.eu/eli/reg/2011/327/oj/hun/html
- Verżjoni PDF bl-Olandiż: https://data.europa.eu/eli/reg/2024/1834/oj/nld/pdf

L-ELI joffrilek ħafna aktar possibbiltajiet, fosthom dik li toħloq links għal listi ta’ dokumenti li jissodisfaw ċerti kriterji. Informazzjoni dettaljata dwar il-URIs tal-leġiżlazzjoni li tuża l-ELI

ECLI (European Case Law Identifier)

L-Identifikatur Ewropew tal-Każistika (ECLI) hu identifikatur b’5 partijiet għall-ġurisprudenza tal-UE u nazzjonali.
L-istruttura tal-link għall-ECLI hi simili għal links oħra tal-EUR-Lex.

- Kif jidher fit-“Test”: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/FR/TXT/?uri=ecli:ECLI:EU:C:2016:718
- Kif jidher f’HTML: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/SL/TXT/HTML/?uri=ecli:ECLI:EU:C:2016:718
- Avviżi XML: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/XML/?uri=ecli:ECLI:EU:F:2016:177

Aqra aktar dwar kif tibni identifikatur tal-ECLI.

Tipi oħra ta' identifikaturi

Xi dokumenti jew proċeduri legali fuq il-EUR-Lex għandhom identifikaturi mogħtija mill-istituzzjoni li tkun ħolqot id-dokumenti (b'differenza min-numru CELEX, li jassenjah l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea). Għaldaqstant, filwaqt li l-links tagħhom jaf ikunu juru xi xejriet partikolari, is-sekwenza u l-loġika tan-numri ta' referenza nfushom ikunu jimxu mar-regoli tal-istituzzjoni li tkun l-awtur tad-dokument.
Dawn t'hawn taħt huma xi eżempji.

Dokumenti preparatorji adottati mill-Kummissjoni Ewropea

Il-links għad-dokumenti preparatorji ppubblikati (dokumenti COM, JOIN, SWD, SEC) huma bbażati fuq in-numru tad-dokument innifsu. Fil-jiem ta' wara l-pubblikazzjoni tad-dokumenti preparatorji, dawn jiġu assenjati identifikatur CELEX, iżda dawn id-dokumenti jibqgħu aċċessibbli wkoll bil-links ibbażati fuq in-numru tad-dokumenti.
Strutturi bażiċi ta' link għal viżwalizzazzjoni tat-"Test":

- https://eur-lex.europa.eu/legal-content/*{il-kodiċi tal-lingwa b'żewġ ittri}*/TXT/?uri=*{it-tip tad-dokument preparatorju}*:*{is-sena}*:*{in-numru tad-dokument}*:FIN
- https://eur-lex.europa.eu/legal-content/*{il-kodiċi tal-lingwa b'żewġ ittri}*/TXT/?uri=*{it-tip tad-dokument preparatorju}*:*{is-sena}*:*{in-numru tad-dokument}*:REV1
- https://eur-lex.europa.eu/legal-content/*{il-kodiċi tal-lingwa b'żewġ ittri}*/TXT/?uri=CELEX:*{in-numru tas-settur}{is-sena}{id-deskrittur}{in-numru tad-dokument}*

Eżempji:
COM(2024) 139 finali:
https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2024:139:FIN
https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52024PC0139
COM(2024) 139 final/2:
https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2024:139:REV1
https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52024PC0139R(01)

JOIN(2015) 10 finali:
https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=JOIN:2015:10:FIN
https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52015JC0010

SWD(2024) 106 finali:
https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=SWD:2024:106:FIN
https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52024SC0106
SWD(2024) 106 final/2:
https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=SWD:2024:106:REV1
https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52024SC0106R(01)

SEC(2014) 184 finali:
https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=SEC:2024:184:FIN
https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52024SC0184

Dokumenti adottati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

L-istruttura tal-link hi bbażata fuq in-numru assenjat mill-Kunsill u tista' tvarja skont it-tip tad-dokument:

- Dokumenti tal-Kunsill mibgħuta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-iffirmar
  L-istruttura bażika ta' link: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/*{il-kodiċi tal-lingwa b'żewġ ittri}*/ALL/?uri=consil:PE_:*{in-numru tad-dokument}*_*{is-sena}*_REV_1
  Pereżempju: PE 45 2016 REV 1 - 2016/0197 (OLP): https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=consil:PE_45_2016_REV_1
- Dokumenti tal-Kunsill li huma parti miċ-ċiklu tal-ħajja tal-proċeduri (riżultat ta' votazzjoni pereżempju)
  L-istruttura bażika ta' link: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/*{il-kodiċi tal-lingwa b'żewġ ittri}*/ALL/?uri=consil:ST_:*{in-numru tad-dokument}*_*{is-sena}*_INIT
  Pereżempju: ST 15454 2016 INIT - 2016/0197 (OLP): https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=consil:ST_15454_2016_INIT

Proċedura interistituzzjonali

Il-links għall-proċedura interistituzzjonali huma bbażati fuq ir-referenzi tal-proċeduri (sena u numru), wara l-kodiċi tal-lingwa.
L-istruttura bażika ta' link: https://eur-lex.europa.eu/procedure/*{il-kodiċi tal-lingwa b'żewġ ittri}*/*{is-sena}*_*{in-numru tal-proċedura}*
Eżempji:

- Il-Proċedura 2015/0906/COD: https://eur-lex.europa.eu/procedure/MT/2015_906
- Avviż XML tal-Proċedura 2015/0906/COD: https://eur-lex.europa.eu/download-notice.html?legalContentId=procedure:2015_906&noticeType=tree&callingUrl=/procedure/MT/2015_906&lng=MT
- Il-Proċedura 2024/0006/COD: https://eur-lex.europa.eu/procedure/MT/2024_6
- Avviż XML tal-Proċedura 2024/0006/COD: https://eur-lex.europa.eu/download-notice.html?legalContentId=procedure:2024_6&noticeType=tree&callingUrl=/procedure/MT/2024_6&lng=MT

Proċedura interna tal-Kummissjoni

L-istruttura bażika ta' link: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/*{il-kodiċi tal-lingwa b'żewġ ittri}*/TXT/?uri=PI_COM:Ares(*{is-sena}*)*{in-numru Ares}*
Eżempji:

- Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=PI_COM:Ares(2016)6176893
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=PI_COM:Ares(2017)291701

Links esterni

Xi dokumenti jistgħu jiġu aċċessati biss b’links għal siti web oħra tal-UE. Il-EUR-Lex m’għandu l-ebda kontroll fuq dawn il-links.